IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.10.2010
COM(2010) 546 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020**
**Unjoni tal-Innovazzjoni**

**SEC(2010) 1161**

**Sommarju Eżekuttiv**

Fi żmien ta' limitazzjonijiet tal-baġit pubbliku, bidliet demografiċi kbar u kompetizzjoni globali li dejjem qed tiżdied, il-kompetittività tal-Ewropa, il-kapaċità tagħna li noħolqu miljuni ta' impjiegi ġodda biex jissostitwixxu dawk li intilfu matul il-kriżi u, b'mod ġenerali, l-istandard ta' għixien tagħna fil-ġejjieni jiddependi fuq il-kapaċità tagħna li ndaħħlu l-innovazzjoni fil-prodotti, fis-servizzi, fin-negozji u fil-proċessi u l-mudelli soċjali. Għalhekk l-innovazzjoni tqiegħdet fil-qalba tal-Istrateġija Ewropa 2020. L-innovazzjoni hija wkoll l-aħjar mezz tagħna biex nindirizzaw l-isfidi ewlenin tas-soċjetà, bħall-bidla fil-klima, in-nuqqas tal-enerġija u r-riżorsi, is-saħħa u t-tixjiħ, li qegħdin isiru aktar urġenti kuljum.

L-Ewropa ma għandhiex nuqqas ta' potenzjal. Għandna riċerkaturi, intraprendituri u kumpaniji li huma fost l-aħjar fid-dinja u qawwiet uniċi fil-valuri, it-tradizzjonijiet, il-kreattività u d-diversità tagħna. Għamilna passi kbar fil-ħolqien tal-akbar suq intern fid-dinja. L-impriżi Ewropej u s-soċjetà ċivili huma impenjati b'mod attiv fl-ekonomiji emerġenti u f'dawk li qegħdin jiżvilppaw madwar id-dinja. Bosta innovazzjonijiet li biddlu d-dinja jsibu l-oriġini tagħhom fl-Ewropa. Għaldaqstant nistgħu – u għandna nagħmlu - ħafna aħjar minn hekk. F'ekonomija globali li qiegħda tinbidel malajr, għandha nibnu fuq il-qawwiet tagħna u nindirizzaw b'mod deċiżiv id-dgħufijiet tagħna:

– In-nuqqas ta' investiment fil-fondazzjoni ta' għarfien tagħna. Pajjiżi oħra, bħall-Istati Uniti u l-Ġappun, qegħdin jinvestu aktar minna, u ċ-Ċina qiegħda tirkupra b'rata mgħaġġla.

– Kundizzjonijiet ta' qafas mhux sodisfaċenti, minn aċċess fqir għall-finanzi, spejjeż għoljin ta' DPI għal standardizzazzjoni bil-mod u użu mhux effettiv tal-akkwist pubbliku. Dan huwa diffett serju meta l-kumpaniji jistgħu jagħżlu li jinvestu u jwettqu riċerka f'bosta partijiet oħra tad-dinja.

– Wisq frammentazzjoni u duplikazzjoni li tiswa l-flus. Għandna nonfqu r-riżorsi tagħna b'mod aktar effettiv u niksbu massa kritika.

Forsi l-akbar sfida għall-UE u l-Istati Membri tagħha hija li jiġi adottat approċċ ħafna aktar strateġiku għall-innovazzjoni. Approċċ li bih l-innovazzjoni hija l-għan prinċipali tal-politika, fejn nieħdu perspettiva fuq żmien medju għal itwal, fejn l-istrumenti, l-miżuri u l-finanzi tal-politika kollha huma mfassla biex jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, fejn il-politiki tal-UE u dawk nazzjonali/reġjonali huma allinjati fil-qrib u jinfurzaw lil xulxin, u fl-aħħar nett iżda mhux l-inqas importanti, fejn l-għola livell politiku jistabbilixxi aġenda strateġika, jimmonitorja l-iżvilupp b'mod regolari u jindirizza d-dewmien.

L-Unjoni tal-Innovazzjoni tistabbilixxi tali approċċ sod, integrat u strateġiku, filwaqt li tisfrutta u tislef il-qawwiet tagħna b'modi ġodda u produttivi - u b'hekk iżżomm il-bażi ekonomika li tappoġġa l-kwalità tal-ħajja tagħna u l-mudell soċjali tagħna waqt li tixjieħ il-popolazzjoni tagħna. Iż-żamma tal-*istatus quo* ifisser it-telf gradwali tal-vantaġġi kompettittivi tagħna, u l-aċċettazzjoni tad-deġenerazzjoni kontinwa tal-Ewropa.

B'mod konkret, sabiex tinkiseb l-Unjoni tal-Innovazzjoni, jeħtieġ dan li ġej:

1. **Fi żminijiet ta' limitazzjonijiet fiskali, l-UE u l-Istati Membri għandhom ikomplu jinvestu fl-edukazzjoni, fir-R&Ż, fl-innovazzjoni u fl-ICT. Tali investimenti fejn possibbli ma għandhomx biss jiġu protetti mit-tnaqqis fil-baġit, iżda għandhom jiżdiedu.**

2. **Dan għandu jseħħ flimkien ma' riformi sabiex wieħed ikun jista' jikseb aktar valur għall-flus u jindirizza l-frammentazzjoni. Għandu jkun hemm rabta aħjar bejn is-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u nazzjonali u l-prestazzjoni tagħhom għandha titjieb.**

3. **Is-sistemi tal-edukazzjoni tagħna fil-livelli kollha għandhom jiġu mmodernizzati. L-eċċellenza għandha ssir aktar u aktar il-prinċipju ta' gwida. Għandna bżonn aktar universitajiet ta' klassi dinjija, ngħollu l-livelli tal-ħiliet u nattiraw l-aħjar talent minn barra.**

4. **Ir-riċerkaturi u l-innovaturi għandhom ikunu jistgħu jaħdmu u jikkooperaw madwar l-UE bl-istess faċilità bħalma jistgħu fi ħdan il-fruntieri nazzjonali. Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka għandha titlesta fi żmien erba' snin - filwaqt li jiġu stabbiliti l-oqfsa għal moviment ġenwinament ħieles tal-għarfien.**

5. **L-aċċess għall-programmi tal-UE għandu jiġi ssimplifikat u l-effett ta' spinta fuq l-investiment fis-settur privat għandu jissaħħaħ, bl-appoġġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment. Ir-rwol tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għandu jissaħħaħ. Il-kontribuzzjoni tal-programm ta' qafas għat-trawwim ta' SMEs li jikbru malajr għandha tiġi infurzata. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ għall-iżvilupp ta' ħiliet tar-riċerka u l-iżvilupp madwar l-Ewropa, ibbażati fuq strateġiji ta' speċjalizzazzjoni reġjonali intelliġenti.**

6. **Għandna bżonn niksbu aktar innovazzjoni mir-riċerka tagħna. Il-kooperazzjoni bejn id-dinja tax-xjenza u d-dinja tan-negozju għandha tissaħħaħ, għandhom jitneħħew l-ostakoli u għandhom jiġu stabbiliti inċentivi.**

7. **L-ostakoli li fadal biex l-intraprendituri jġibu "ideat għall-kummerċjalizzazzjoni" għandhom jitneħħew: aċċess aħjar għall-finanzi, b'mod partikolari għall-SMEs, Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali bi prezz li jista' jintlaħaq minn kulħadd, miri u regolamentazzjoni aktar intelliġenti u aktar ambizzjuża, l-istabbiliment aktar mgħaġġel ta' standards interoperabbli u l-użu strateġiku tal-baġits ta' akkwist kbar tagħna. Bħala pass intermedjarju, għandu jintlaħaq ftehim dwar il-privattiva tal-UE qabel l-aħħar tas-sena.**

8. **Għandhom jitniedu l-Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropej sabiex iħaffu r-riċerka, l-iżvilupp u l-iskjerament tas-suq tal-innovazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà ewlenin, jinqasmu l-kompetenzi u r-riżorsi u tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-UE, billi nibdew mill-qasam tat-tixjiħ b'saħħtu.**

9. **Il-qawwiet tagħna fid-disinn u l-kreattività għandhom jiġu sfruttati aħjar. Għandna nappoġġaw l-innovazzjoni soċjali. Għandna niżviluppaw fehim aħjar tal-innovazzjoni tas-settur pubbliku, nidentifikaw u nagħtu viżibbiltà lill-inizjattivi b'suċċess, u nkejlu l-iżvilupp.**

10. **Għandna naħdmu aħjar mal-imsieħba internazzjonali tagħna. Dan ifisser li għandna nifthu l-aċċess għall-programmi tar-R&Ż tagħna, filwaqt li niżguraw kundizzjonijiet simili barra mill-pajjiż. Dan ifisser ukoll li għandna nadottaw front komuni tal-UE fejn meħtieġ biex nipproteġu l-interessi tagħna.**

Dan, essenzjalment, huwa dak kollu li jagħmel l-Unjoni tal-Innovazzjoni. Il-benefiċċji se jkunu sinifikanti: skont stimi reċenti, il-kisba tal-mira tagħna li nonfqu 3% tal-PGD tal-UE fuq ir-R&Ż sal-2020 tista' toħloq 3,7 miljun impjieg u żżid il-GDP annwali bi kważi EUR 800 biljuni sal-2025[1]. Għat-twettiq tagħha jeħtieġ l-appoġġ sħiħ u kontinwu tal-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew, tal-gvernijiet tal-Istati Membri, tan-negozji, tal-awtoritajiet pubbliċi, tar-riċerkaturi u tal-pubbliku.

Bl-Unjoni tal-Innovazzjoni, għandna viżjoni, aġenda, distribuzzjoni ċara tal-kompiti u proċeduri ta' monitoraġġ sodi. Il-Kummissjoni Ewropea se tagħmel dak li huwa neċċessarju sabiex l-Unjoni tal-Innovazzjoni ssir realtà.

[1] P. Zagamé (2010) *The Cost of a non-innovative Europe (L-Ispiża ta' Ewropa mhux innovattiva).*

# WERREJ

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni ........................... 1

1. Introduzzjoni ........................................................................................ 7

2. It-tisħiħ tal-bażi ta' għarfien u t-tnaqqis tal-frammentazzjoni .................................. 10

2.1. Il-promozzjoni tal-eċċellenza fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet ........................ 10

2.2. It-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka .................................................. 11

2.3. L-iffokar tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Innovazzjoni ........................................................................................ 13

2.4. Il-Promozzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) bħala mudell tal-governanza tal-innovazzjoni fl-Ewropa .................................................. 14

3. Il-kisba ta' ideat tajbin għall-kummerċjalizzazzjoni .................................................. 15

3.1. It-titjib tal-aċċess għall-finanzjament għall-kumpaniji innovattivi ........................... 15

3.2. Il-ħolqien ta' suq ta' innovazzjoni uniku .................................................. 17

3.3. Promozzjoni ta' sinċerità u kapitalizzazzjoni fuq il-potenzjal kreattiv tal-Ewropa.... 20

4. It-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u territorjali ................................................ 22

4.1. It-tifrix tal-benefiċċji tal-Innovazzjoni madwar l-Unjoni .......................................... 22

4.2. Iż-żieda tal-benefiċċji soċjali ........................................................................... 23

5. Jingħaqdu l-isforzi biex jiġu rreġistrati s-suċċessi: Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropea ........................................................................................ 25

6. Intejbu l-politiki tagħna esternament ........................................................ 29

7. Kif dan iseħħ ........................................................................................ 31

7.1. Ir-riforma tar-riċerka u tas-sistemi ta' innovazzjoni .................................................. 31

7.2. Il-kejl tal-progress ........................................................................................ 32

7.3. Impenn minn kulħadd biex l-Unjoni tal-Innovazzjoni ssir realtà ............................. 33

ANNESS I ....... Għodda għall-awtovalutazzjoni: Fatturi ta' sistemi tal-innovazzjoni u r-riċerka nazzjonali u reġjonali li jiffunzjonaw sew .................................................. 35

ANNESS II Tabella li turi l-Progress tal-Prestazzjoni fil-qasam tar-Riċerka u l-Iżvilupp ...... 40

ANNESS III Il-Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropej Miri u ambitu ta' Partenarjat għall-innovazzjoni Ewropew fil-qasam tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu .................................................. 44

## 1. INTRODUZZJONI

Filwaqt li d-defiċits pubbliċi huma kkontrollati għat-tiswija tal-finanzi pubbliċi u filwaqt li l-forza tax-xogħol tagħna tibda tonqos, x'se tkun il-bażi tal-kompetittività futura tal-Ewropa? Kif se noħolqu tkabbir u impjiegi ġodda? Kif se nerġgħu nġibu l-ekonomija tal-Ewropa lura *fuq saqajha*?

Kif se nindirizzaw sfidi dejjem jikbru tas-soċjetà bħall-bidla fil-klima, il-provvista tal-enerġija, in-nuqqas tar-riżorsi oħra u l-impatt tal-bidliet demografiċi? Kif se ntejjbu s-saħħa u s-sigurtà u nipprovdu b'mod sostenibbli ilma u ikel ta' kwalità għolja bi prezz li jista' jintlaħaq minn kulħadd?

L-unika tweġiba hija l-innovazzjoni, li hija fil-qalba tal-Istrateġija Ewropa 2020[2] miftiehma mill-Istati Membri fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010, li tappoġġa t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv li l-Istrateġija qiegħda timmira lejh. L-"Unjoni tal-Innovazzjoni" hija waħda mis-seba' inizjattivi mħabbra fl-Istrateġija Ewropa 2020. L-għan tagħha huwa li jittejbu l-kundizzjonijiet u l-aċċess għall-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni biex ikun żgurat li jistgħu jinbidlu l-ideat innovattivi fi prodotti u servizzi li joħolqu tkabbir u impjiegi.

L-Unjoni tal-Innovazzjoni ġiet żviluppata flimkien mal-inizjattiva ewlenija dwar Politika Industrijali għall-Era ta' Globalizzazzjoni, li l-għan tagħha huwa l-iżgurar ta' katina ta' valur tal-manifattura b'saħħitha, kompetittiva u diversifikata, b'enfasi partikolari fuq l-Impriżi Żgħar u Medji. Hija tikkumplementa inizjattivi ewlenin oħra, bħalm'huma l-Aġenda Diġitali, Żgħażagħ Attivi u l-Aġenda għal Kapaċitajiet u Impjiegi Ġodda. Flimkien mal-Unjoni tal-Innovazzjoni, dawn se jtejbu l-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni, inkluż billi jħaffu l-espansjoni ġeografika tal-internet b'veloċità għolja u l-applikazzjonijiet tiegħu, billi jiżguraw bażi industrijali b'saħħitha, u billi jippromwovu sistemi edukattivi eċċellenti, swieq tax-xogħol moderni, u t-taħlita tajba ta' ħiliet għall-forza tax-xogħol futura tal-Ewropa. Politiki ewlenin oħra bħal pereżempju t-tnedija mill-ġdid tas-suq uniku permezz tal-Att dwar is-Suq Uniku, politika ta' kompetizzjoni effettiva u aċċess aħjar għas-swieq f'pajjiżi terzi permezz ta' strateġija tal-kummerċ ġdida, se jikkumplementaw u jsaħħu l-Unjoni tal-Innovazzjoni wkoll.

Din il-Komunikazzjoni tindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet li l-Ewropa qiegħda tiffaċċja f'oqsma ewlenin fejn huma meħtieġa sforzi urġenti u kontinwi. Tistabbilixxi b'mod ċar l-inizjattivi Ewropej, nazzjonali u reġjonali ewlenin meħtieġa biex tinħoloq l-Unjoni tal-Innovazzjoni[3].

L-Ewropa tibda minn pożizzjoni ta' saħħa. Illum, għadd ta' Stati Membri huma mexxejja dinjija fil-manifattura, il-kreattività, id-disinn, l-ajruspazju, it-telekomunikazzjonijiet, l-enerġija u t-teknoloġiji ambjentali. Għandna reġjuni li huma wħud mill-aktar innovattivi fid-dinja. L-ekonomiji tagħna huma appoġġati minn xi wħud mis-servizzi pubbliċi l-aktar dinamiċi tad-dinja u minn tradizzjonijiet sodi fl-innovazzjoni soċjali.

Għaldaqstant nistgħu u għandna nagħmlu aħjar minn hekk. Aħna mhux qed ninvestu biżżejjed fil-bażi ta' għarfien tagħna, nonfqu kull sena 0,8 % tal-PGD inqas mill-Istati Uniti u 1,5 %

---

2 COM (2010) 2020

3 L-inizjattivi proposti fl-Unjoni tal-Innovazzjoni huma appoġġati minn analiżijiet ipprovduti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal mehmuż, SEC (2010) 1160

inqas mill-Ġappun fir-R&Ż - b'diskrepanzi kbar fir-R&Ż tan-negozju, fl-investimenti ta' kapital ta' riskju[4] - u s-sistema edukattiva tagħna teħtieġ riforma. Ir-R&Ż tas-settur privat qiegħda tkun aktar esternalizzata għal ekonomiji emerġenti u eluf mill-aħjar riċerkaturi u innovaturi tagħna marru jgħixu f'pajjiżi fejn il-kundizzjonijiet huma aktar favorevoli. Skont stimi reċenti, il-kisba tal-mira tagħna li nonfqu 3 % tal-PGD tal-UE fuq ir-R&Ż sal-2020 tista' toħloq 3,7 miljun impjieg u żżid il-PGD annwali bi kważi EUR 800 biljun sal-2025[5]. Ftit wisq mill-SMEs innovattivi tagħna jikbru f'kumpaniji kbar. Għalkemm is-suq tal-UE huwa l-akbar wieħed fid-dinja, jibqa' frammentat u mhux biżżejjed favur l-innovazzjoni. Għalkemm is-settur tas-servizzi tagħna jirrappreżenta 70 % tal-ekonomija, is-servizzi intensivi tal-għarfien tagħna għadhom mhux żviluppati biżżejjed.

Il-pajjiżi bħaċ-Ċina u l-Korea t'Isfel qegħdin jirkupraw b'rata mgħaġġla u minn imitaturi qegħdin isiru mexxejja fl-innovazzjoni (ara t-tqabbil bejn l-UE u ċ-Ċina fl-Anness II). B'differenza mill-UE, qegħdin jużaw approċċ strateġiku biex joħolqu ambjent favur l-innovazzjoni.

L-iżvilupp tagħhom joħloq opportunitajiet tas-suq kbar u potenzjal ta' kooperazzjoni ġdid, iżda wkoll pressjoni konsiderevoli fuq il-kumpaniji tagħna. Sadanittant, l-Istati Uniti u l-Ġappun ikomplu jmexxu lill-UE fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni. L-Unjoni Ewropea għandha bżonn tiffaċċja l-isfidi tagħha u tuża l-potenzjal xjentifiku u innovattiv kbir tagħha. L-UE għandha:

- **Tindirizza l-kundizzjonijiet ta' qafas mhux favorevoli**: l-investiment privat fir-riċerka u l-innovazzjoni qiegħed jiżamm lura u l-ideat mhumiex qegħdin jitħallew jilħqu s-suq minħabba disponibbiltà fqira ta' finanzi, ir-reġistrazzjoni ta' privattivi għalja, frammentazzjoni tas-suq, regolamenti u proċeduri skaduti, stabbiliment tal-istandards bil-mod u n-nuqqas tal-użu tal-akkwist pubbliku b'mod strateġiku. Barra minn hekk, l-ostakoli fis-suq uniku jagħmluha aktar diffiċli għall-atturi differenti biex jaħdmu flimkien bejn il-fruntieri, bl-użu u l-qsim ta' għarfien mis-sorsi kollha, li qiegħed isir aktar u aktar il-mod kif jiġu żviluppati l-innovazzjonijiet b'suċċess.

- **Tevita l-frammentazzjoni tal-isforz:** sistemi ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali u reġjonali għadhom qegħdin jaħdmu fuq linji separati b'dimensjoni Ewropea marġinali biss. Dan iwassal għal duplikazzjoni u sovrapożizzjoni li jiswew il-flus u dan huwa inaċċettabbli f'dan iż-żmien ta' finanzi stretti. Billi nqassmu l-isforzi tagħna aħjar u niffokaw fuq l-eċċellenza, u billi noħolqu Żona Ewropea tar-Riċerka vera, l-UE tkun tista' ttejjeb il-kwalità tar-riċerka u l-potenzjal tal-Ewropa li tagħmel skoperti ewlenin, filwaqt li titjieb l-effettività tal-investimenti meħtieġa biex l-ideat jitwasslu sas-suq.

F'ambjent globali, l-Ewropa għandha wkoll tiżviluppa l-approċċ distint tagħha stess għall-innovazzjoni li jibni fuq il-qawwiet tagħha u tikkapitalizza fuq il-valuri tagħha billi

- **Tiffoka fuq l-innovazzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi ewlenin tas-soċjetà li ġew identifikati fl-Ewropa 2020**, filwaqt li ssaħħaħ il-prominenza tagħna f'teknoloġiji

---

4 Ir-R&Ż tan-negozju fl-UE hija 66 % inqas mill-Istati Uniti u 122 % inqas mill-Ġappun, bħala sehem tal-PGD; l-investimenti ta' kapital ta' riskju huma 64 % inqas mill-Istati Uniti; u s-sehem ta' popolazzjoni li tlesti l-edukazzjoni terzjarja hija 69 % inqas mill-Istati Uniti u 76 % inqas mill-Ġappun (Ara l-Anness II).

5 P. Zagamé, (2010) *The cost of a non-innovative Europe (L-Ispiża ta' Ewropa mhux innovattiva),* http://ec.europa.eu/research/social-sciences/policy-briefs-research-achievements_en.html

ewlenin, tiġbor il-potenzjal li jistgħu joffru dawn l-iswieq għan-negozji innovattivi, u ttejjeb il-kompetittività tal-UE. L-innovazzjoni għandha ssir element ewlieni fil-politiki tal-UE u l-UE għandha tuża l-potenzjal qawwi tas-settur pubbliku f'oqsma bħall-enerġija u l-ilma, s-saħħa, it-trasport pubbliku u l-edukazzjoni, biex iġġib soluzzjonijiet ġodda lis-suq.

- **Issegwi kunċett wiesgħa tal-innovazzjoni**, kemm l-innovazzjoni mmexxija mir-riċerka kif ukoll l-innovazzjoni f'mudelli tan-negozju, d-disinn, l-immarkar u s-servizzi li jżidu l-valur għall-utenti u fejn l-Europa għandha talenti uniċi. Il-kreattività u d-diversità tan-nies tagħna u s-saħħa tal-industriji kreattivi Ewropej, joffru potenzjal kbir għal tkabbir u impjiegi ġodda permezz tal-innovazzjoni, speċjalment għall-SMEs.

- **Tinvolvi lill-atturi u lir-reġjuni kollha fiċ-ċiklu tal-innovazzjoni**: mhux biss il-kumpaniji ewlenin iżda wkoll l-SMEs fis-setturi kollha, inkluż is-settur pubbliku, l-ekonomija soċjali u ċ-ċittadini nnifishom ('innovazzjoni soċjali'); mhux biss xi oqsma ta' teknoloġija għolja, iżda r-reġjuni kollha fl-Ewropa u kull Stat Membru, kull wieħed jiffoka fuq il-qawwiet tiegħu ("speċjalizzazzjoni intelliġenti") filwaqt li l-Ewropa, l-Istati Membri u r-reġjuni jaġixxu fi partenarjat.

Barra minn hekk, billi l-kompetizzjoni mhux imxekkla u s-swieq kompetittivi li jaħdmu sewwa huma essenzjali għall-innovazzjoni, jeħtieġ li jkun hemm infurzar strett tar-regoli tal-kompetizzjoni li jiżguraw l-aċċess għas-suq u opportunitajiet għal min jidħol ġdid.

Flimkien mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew se jimmonitorja l-prestazzjoni tal-Ewropa fl-oqsma tematiċi tal-istrateġija Ewropa 2020. L-ewwel valutazzjoni bħal din se tkun iddedikata lir-riċerka u l-innovazzjoni f'Diċembru 2010. Sabiex tinkiseb l-Unjoni tal-Innovazzjoni għandu jkun hemm bidla radikali: Fid-dinja ta' wara l-kriżi, l-Ewropa għandha titbiegħed miż-"żamma tal-*istatus quo*" u tagħmel l-innovazzjoni l-għan prinċipali ta' politika tagħha. Dak li jinħtieġ sabiex l-ekonomija tal-UE tinbidel f'Unjoni tal-Innovazzjoni ġenwina huwa tmexxija politika, deċiżjonijiet sodi u implimentazzjoni determinata.

**L-Unjoni Ewropea għandha timpenja ruħha biex toħloq "Unjoni tal-Innovazzjoni" awtentika sal-2020 billi:**

– **Tieħu responsabbiltà kollettiva għal politika ta' riċerka u innovazzjoni strateġika, inklussiva u orjentata lejn in-negozju, biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà, titqajjem il-kompetittività u jinħolqu impjiegi ġodda. Il-Kummissjoni se tirrifletti dan l-approċċ strateġiku għall-innovazzjoni fil-politiki kollha tagħha u tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex jagħmlu l-istess.**

– **Tipprijoritizza u tipproteġi l-investimenti fil-bażi ta' għarfien tagħna, tnaqqas il-frammentazzjoni li tiswa ħafna flus u tagħmel l-Ewropa post aktar sodisfaċenti għall-innovazzjoni u għat-twassil ta' ideat lis-suq. Id-data ta' skadenza 2014 għandha tiġi stabbilita għat-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.**

– **Taqbel li tniedi partenarjati Ewropej ta' innovazzjoni, l-ewwel waħda fuq it-tixjiħ attiv u b'saħħtu, biex jinqasmu r-riżorsi u l-kompetenzi biex jinsabu soluzzjonijiet għall-isfidi tas-soċjetà u sabiex jinbena vantaġġ kompetittiv fis-swieq ewlenin.**

## 2. IT-TISĦIĦ TAL-BAŻI TA' GĦARFIEN U T-TNAQQIS TAL-FRAMMENTAZZJONI

### 2.1. Il-promozzjoni tal-eċċellenza fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet

Programmi kbar ta' edukazzjoni, taħriġ u promozzjoni ta' karrieri tar-riċerka u l-innovazzjoni ġew stabbiliti f'bosta pajjiżi madwar id-dinja. L-UE għandha tiżgura li għandha provvista biżżejjed ta' ħaddiema bi kwalifiki għoljin, li għandhom jiġu offruti karrieri attraenti u mobbiltà faċli madwar is-setturi u l-pajjiżi; għaliex jekk le l-investimenti u t-talenti innovattivi jmorru x'imkien ieħor[6].

Il-punt inizjali għall-Unjoni tal-Innovazzjoni huwa li tinħoloq sistema ta' edukazzjoni eċċellenti u moderna fl-Istati Membri kollha. Għalkemm l-Ewropa għandha sistema bażika tal-edukazzjoni tajba meta mqabbla ma' bosta partijiet tad-dinja, għad hemm dgħufijiet sinifikanti fit-tagħlim tax-xjenza f'xi Stati Membri. Għad hemm ftit wisq tfajliet li jkomplu jistudjaw ix-xjenza sa livell avvanzat. Barra minn hekk, l-innovazzjoni issa hija meħtieġa f'kull aspett tal-ħajja: l-iskejjel għandhom jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha huma lesti li jiffaċċjaw din l-isfida.

Ir-riforma tal-edukazzjoni għolja hija wkoll urġenti. Il-maġġoranza tal-universitajiet Ewropej ma jattirawx biżżejjed talent dinji mill-aqwa, u hemm relattivament ftit li huma fil-pożizzjonijiet ta' quddiem fi klassifikazzjonijiet internazzjonali eżistenti. L-universitajiet Ewropej għandhom ikunu ħielsa minn regolamentazzjoni żejda u mikroġestjoni u minflok ikollhom responsabbiltà istituzzjonali sħiħa. L-universitajiet jeħtieġu wkoll aktar diversità fil-missjonijiet u l-perspettiva tagħhom, bi speċjalizzazzjoni aktar intelliġenti f'oqsma differenti.

L-għadd ta' riċerkaturi fl-Ewropa bħala sehem tal-popolazzjoni huwa ħafna aktar baxx minn dak tal-Istati Uniti, il-Ġappun u pajjiżi oħrajn. L-UE se jkollha bżonn mill-inqas miljun impjieg ġdid fir-riċerka biex tilħaq il-mira ta' R&Ż ta' 3 %. L-għadd ta' riċerkaturi meħtieġ huwa sinifikament ogħla, għaliex ħafna riċerkaturi se jirtiraw matul l-għaxar snin li ġejjin. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom isaħħu l-kapaċità tagħhom li jattiraw u jħarrġu ż-żgħażagħ biex isiru riċerkaturi u joffru karrieri fir-riċerka li huma internazzjonalment kompettittivi biex iżommuhom fl-Ewropa u biex jattiraw l-aħjar nies minn barra. F'dan ir-rigward, il-boroż ta' studju Marie Curie taħt il-Programm Qafas dwar ir-Riċerka qegħdin ikollhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-iżvilupp tal-ħiliet, il-mobbiltà u l-karrieri tar-riċerkaturi bejn il-fruntieri[7]. B'mod aktar wiesgħa, għandu jsir aktar sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas fil-ħiliet innovattivi u sabiex tiġi implimentata l-aġenda tal-ħiliet Ewropej fl-elettronika[8]. Dan huwa kruċjali biex jitħaffef l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' mudelli tan-negozju innovattivi minn impriżi Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs.

In-negozji għandhom ukoll inkunu involuti aktar fl-iżvilupp tal-programmi ta' studju u fit-taħriġ li jwassal għal dottorat sabiex il-ħiliet ikunu jaqblu aktar mal-ħtiġijiet tal-industrija billi jibnu pereżempju fuq il-Forum tan-Negożju tal-Universitajiet[9]. Hemm eżempji tajbin ta'

[6] Il-politiki u l-miżuri għall-promozzjoni tal-aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità, ta' swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw sewwa u tal-iżvilupp tal-ħiliet sejrin jiġu indirizzati fl-inizjattivi tal-Ewropa 2020 "Żgħażagħ Attivi" u "Kapaċitajiet ġodda għal Impjiegi Ġodda", rispettivament.

[7] http://ec.europa.eu/research/mariecurieactions/

[8] Ref. "Ħiliet fl-Eletttronika għas-Seklu 21. It-Trawwim tal-Kompetittività, it-Tkabbir u l-Impjiegi" COM(2007) 496.

[9] Ara. http://ec.europa.eu/education/higher-education/doc1261_en.htm

approċċi interdixxiplinarji f'universitajiet li jiġbru l-ħiliet li jvarjaw minn ħiliet fir-riċerka sa ħiliet fil-finanzi u n-negozju u minn ħiliet ta' kreattività u disinn sa ħiliet interkulturali[10].

**Impenji tal-Unjoni tal-Innovazzjoni**

**1.** Sal-aħħar tal-2011, l-Istati Membri għandhom ikollhom stabbiliti strateġiji biex **iħarrġu biżżejjed riċerkaturi biex jissodisfaw il-miri ta' R&Ż nazzjonali tagħhom** u biex **jippromwovu kundizzjonijiet ta' impjiegi attraenti** f'istituzzjonijiet tar-riċerka pubbliċi. Il-konsiderazzjonijiet bejn is-sessi u tal-karriera doppja għandhom jitqiesu fis-sħiħ f'dawn l-istrateġiji.

**2.** Fl-2011, fuq il-bażi tal-ħidma ta' tħejjija attwali[11], il-Kummissjoni se tappoġġa **sistema ta' klassifikazzjoni internazzjonali multidimensjonali indipendenti biex tkejjel il-prestazzjoni tal-universitajiet**. Dan se jippermetti li jiġu identifikati l-universitajiet Ewropej li għandhom l-ogħla prestazzjoni. Fl-2011 se jiġu proposti aktar passi f'Komunikazzjoni dwar ir-riforma u l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja.
Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll il-kollaborazzjonijiet bejn in-negozji u l-akkademji permezz tal-ħolqien ta' **"Alleanzi ta' Għarfien"** bejn l-edukazzjoni u n-negozju biex jiġu żviluppati **programmi ta' studju ġodda li jindirizzaw id-diskrepanzi fil-ħiliet ta' innovazzjoni** (ara wkoll l-impenn 3 dwar il-ħiliet fl-elettronika). Dawn se jgħinu lill-universitajiet biex jimmodernizzaw rwieħhom lejn l-interdixxiplinarjetà, l-intraprendenza u partenarjati ta' negozju aktar b'saħħithom.

**3.** Fl-2011, il-Kummissjoni se tipproponi qafas integrat għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' **ħiliet fl-elettronika għall-innovazzjoni u l-kompetittività**, ibbażat fuq is-partenarjati mal-partijiet interessati. Dan se jkun ibbażat fuq il-provvista u d-domanda, linji gwida pan-Ewropej għal programmi ta' studji ġodda, tikketti ta' kwalità għat-taħriġ ibbażat fuq l-industrija u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

## 2.2. It-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka

Minħabba l-ħtieġa li jingħata valur lill-flus, huwa essenzjali li jiġu evitati sovrapożizzjonijiet li jiswew il-flus u duplikazzjoni mhux meħtieġa fir-riċerka nazzjonali. Huwa essenzjali li tinħoloq Żona Ewropea tar-Riċerka ġenwinament unifikata, li fiha l-atturi kollha, kemm dawk pubbliċi kif ukoll dawk privati, ikunu jistgħu joperaw b'mod ħieles, jibnu alleanzi u jiġbru massa kritika sabiex jikkompetu u jikkooperaw fuq skala globali. Il-gruppi ta' rappreżentanti nazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea qegħdin jaħdmu fuq ħames oqsma ewlenin: ir-riżorsi umani, il-programmi tar-riċerka, l-infrastrutturi tar-riċerka, il-qsim tal-għarfien (ara t-taqsima 3.3) u l-kooperazzjoni internazzjonali tax-X&T (ara t-taqsima 6). Iżda r-riċerkaturi, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-aġenziji ta' finanzjament tal-Ewropa għadhom qegħdin jiffaċċjaw ħafna ostakoli legali u prattiċi li ma jħalluhomx joperaw b'mod ħieles, b'mod partikolari bejn il-fruntieri. It-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka hija ħtieġa legali. Il-Kunsill u l-Parlament għamlu sejħa għaliha. Il-progress għandu jitħaffef u jiġi ggwidat

[10] L-Università l-ġdida Aalto fil-Finlandja hija eżempju.
[11] *Studju ta' fattibbiltà għal klassifikazzjoni globali multidimensjonali tal-universitajiet,* http://www.u-multirank.eu; *Il-Valutazzjoni tar-Riċerka tal-Ewropa bbażata fuq l-Universitajiet* http://ec.europa.eu/research/science-society/document_library/pdf_06/assessing-europe-university-based-research_en.pdf

permezz ta' qafas komuni ta' prinċipji u għanijiet. L-Unjoni għandha tistabbilixxi d-data ta' skadenza għall-aħħar tal-2014 biex tikseb Żona Ewropea tar-Riċerka li taħdem sewwa.

Is-sistema sħiħa ta' appoġġ għar-R&Ż saret wisq kumplessa fl-Ewropa. Il-benefiċjarji potenzjali qegħdin jiffaċċjaw għadd kbir ta' programmi nazzjonali u reġjonali u inizjattivi intergovernattivi kif ukoll proċeduri ta' finanzjament tal-UE. Ir-regoli u l-aġendi tal-għadd kbir ta' strumenti eżistenti mhumiex allinjati. Dan joħloq piż amministrattiv kbir u jista' jiskoraġġixxi l-parteċipazzjoni, b'mod partikolari mill-SMEs, u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri. Il-ħidma reċenti, li tinvolvi l-partijiet interessati u l-aġenziji ta' finanzjament, biex jiġu simplifikati l-proċeduri u l-kundizzjonijiet u jsiru koerenti ma' xulxin għandha tingħata prijorità għolja.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni rivoluzzjonarji jirrikjedu aktar u aktar infrastuttura ta' klassi dinjija. Dawn jattiraw it-talent globali fi gruppi innovattivi u huma art fertili essenzjali għall-ICT u t-teknoloġiji ewlenin li jiftħu l-possibbiltajiet bħal pereżempju l-mikro u nanoelettronika, il-bijoteknoloġiji, materjali ġodda u l-manifattura avvanzata. Minħabba l-kumplessità, l-iskala u l-ispejjeż dejjem jiżdiedu tagħhom, ir-riżorsi meħtieġa biex jinbnew u jinħadmu għandhom jinġabru mill-Ewropa kollha u f'xi każijiet mid-dinja kollha. Sar żvilupp ewlieni permezz tal-Forum Ewropew ta' Strateġija dwar l-Infrastutturi tar-Riċerka (ESFRI), li qabel fuq prijoritajiet u investimenti katalizzati f'infrastrutturi ewlenin. Barra minn hekk sar ħafna progress fl-iskjerament tal-infrastrutturi tal-ICT għar-riċerka. Fil-kuntest tan-nuqqas ta' riżorsi pubbliċi, dawn l-investimenti għandhom jingħataw prijorità politika u għandhom jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' finanzjament ġodda. Barra minn hekk, l-infrastrutturi tar-riċerka għandhom ikomplu l-ftuħ tagħhom lir-riċerkaturi industrijali, u l-partenarjat magħhom, biex jgħinu fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà u biex jappoġġaw l-kompetittività tal-UE.

**<u>Impenji tal-Unjoni tal-Innovazzjoni</u>**

**4.** Fl-2012, il-Kummissjoni se tipproponi **qafas taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u miżuri ta' appoġġ biex jitneħħew l-ostakoli għall-mobbiltà u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri**, bil-mira li jidħlu fis-seħħ sal-aħħar tal-2014. B'mod partikolari se jippruvaw jiżguraw permezz ta' approċċ komuni:

- il-kwalità tat-taħriġ li jwassal għad-dottorat, kundizzjonijiet attraenti tal-impjiegi u bilanċ bejn is-sessi fil-karrieri tar-riċerka;

- il-mobbiltà tar-riċerkaturi bejn il-pajjiżi u s-setturi, inkluż permezz tar-reklutaġġ miftuħ fl-istituzzjonijiet tar-riċerka pubbliċi u fi strutturi simili tal-karrieri fir-riċerka u billi jiffaċilitaw il-ħolqien ta' fondi tal-pensjoni addizzjonali Ewropej;

- it-tħaddim bejn il-fruntieri ta' organizzazzjonijiet li jagħmlu riċerka, l-aġenziji ta' finanzjament u fondazzjonijiet, inkluż billi jiżguraw is-sempliċità u l-koerenza reċiproka tar-regoli u l-proċeduri ta' finanzjament, billi jibnu fuq ix-xogħol tal-partijiet interessati, l-aġenziji ta' finanzjament u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom;

- it-tixrid, it-trasferiment u l-użu tar-riżultati tar-riċerka, inkluż permezz tal-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet u d-dejta minn riċerka ffinanzjata pubblikament;

- il-ftuħ ta' infrastrutturi tar-riċerka mħaddmin mill-Istati Membri għall-komunità tal-utenti Ewropea kollha; kif ukoll

- il-konsistenza tal-istrateġiji tal-UE u dawk nazzjonali u l-azzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u t-teknoloġija.

**5.** Sal-2015, l-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni għandhom ikunu lestew jew nedew il-bini ta' 60 % tal-**infrastrutturi tar-riċerka Ewropej ta' prijorità** li huma attwalment identifikati mill-Forum Ewropew ta' Strateġija dwar l-Infrastutturi tar-Riċerka (ESFRI) [12]. Il-potenzjal għall-innovazzjoni ta' dawn l-infrastrutturi (u tal-ICT u oħrajn) għandu jiżdied. L-Istati Membri huma mħeġġa li jirrevedu l-Programmi Operattivi tagħhom biex jiffaċilitaw l-użu tal-flus tal-politika ta' koeżjoni għal dan l-iskop.

### 2.3. L-iffokar tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Innovazzjoni

Il-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE kienu ta' għajnuna għall-UE billi ffokaw fuq l-eċċellenza fuq livell Ewropew. Is-suċċess tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka turi li dan huwa l-mod kif wieħed għandu jimxi 'l quddiem. Il-proċess ta' stabbiliment tal-prijoritajiet għall-parti tal-kooperazzjoni tal-Programm Qafas, li jinvolvi bosta partijiet interessati madwar l-Ewropa, jipprovdi valur miżjud uniku u bażi għall-prijoritajiet definiti f'bosta programmi tal-Istati Membri. Sar progress kbir ukoll fl-iżvilupp ta' partenarjati biex jiġi implimentat il-finanzjament tar-riċerka b'mod konġunt mal-Istati Membri u mal-industrija[13].

Fuq il-bażi ta' dawn l-iżviluppi, l-istrumenti ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE għandhom jiġu ggwidati biex jiffokaw fuq l-għanijiet tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Għandu jissaħħaħ u jsir aktar koerenti l-appoġġ tal-katina sħiħa tar-riċerka u l-innovazzjoni, mir-riċerka mingħajr għan preċiż (blue sky) sal-adozzjoni tagħhom fis-suq. Il-finanzjament ta' opportunitajiet għandu jissodisfa l-ħtiġijiet ta' parteċipanti diversi, b'mod partikolari l-SMEs bil-potenzjal li jbiddlu r-riżultati f'prodotti u servizzi ġodda.

Barra minn hekk, l-integrazzjoni tad-dimensjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni għandha tiġi riflessa fil-programmi ta' finanzjament tal-UE, inkluż il-Programm Qafas, il-Programm Qafas tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni u l-Fondi ta' Koeżjoni. Dawn għandhom ukoll jiġu kkoordinati aħjar fid-disinn u l-implimentazzjoni sabiex jiġu massimizzati l-impatt, il-faċilità tal-użu u l-valur miżjud tal-UE.

Għad hemm lok għal simplifikazzjoni. Ir-riċerkaturi u l-innovaturi għandhom iqattgħu aktar żmien fil-laboratorju jew jagħmlu n-negozju u inqas fuq ix-xogħol ta' karti. Il-progress mgħaġġel huwa possibbli fir-rigward tal-Programm Qafas[14] jekk jittieħdu deċiżjonijiet malajr fuq il-proposti tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tar-Regolamenti Finanzjajri.

Filwaqt li teknoloġija bħal pereżempju l-ivvjaġġar bl-ajru u t-telekomunikazzjonijiet biddlu l-ekonomiji fis-seklu 20, it-tkabbir qiegħed jitmexxa aktar minn teknoloġiji ewlenin li jiftħu l-possibbiltajiet, bħall-eko, nano, bijo u info. Dawn it-teknoloġiji jistgħu jaffettwaw l-oqsma

---

12 http://ec.europa.eu/research/infrastructures/index_en.cfm?pg=esfri-roadmap

13 Partenarjati ibbażati fuq l-Artikoli 185 u 187 tat-Trattat tal-UE (Inizjattivi Konġunti tat-Teknoloġija).

14 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Is-semplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas tar-riċerka", COM(2010) 187

kollha ta' ħajjitna u l-oqfsa regolatorji għandhom ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika b'informazzjoni trasparenti u l-involviment taċ-ċittadini. B'dan il-mod l-Ewropa tista' tiżgura l-fiduċja pubblika fl-avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi u tipprovdi ambjent favorevoli għall-investiment. Dan għandu jiġi msaħħaħ permezz ta' kapaċità rinfurżata li tħares 'il quddiem (inlużi l-għarfien tal-ġejjieni, it-tbassir, il-valutazzjoni tat-teknoloġija u l-immudellar) Filwaqt li tali attivitajiet huma kontinwi fuq livelli differenti, għandhom jinġabru flimkien u jintużaw b'mod effettiv fit-tfassil tal-politika.

| | |
|---|---|
| **6.** | **Il-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE fil-ġejjieni se jiffokaw fuq l-għanijiet tal-Ewropa 2020 u b'mod partikolari fuq l-Unjoni tal-Innovazzjoni**. Fl-2011, b'ħarsa 'l quddiem għall-perspettivi finanzjarji li jmiss, il-Kummissjoni se tistabbilixxi modi biex **il-programmi futuri jiffokaw aktar fuq sfidi soċjali, tissimplifika strumenti ta' finanzjament u tissimplifika radikalment l-aċċess permezz ta' bilanċ aħjar bejn sistema bbażata fuq il-kontroll u sistema bbażata fuq il-fiduċja**. Ir-rwol tal-KER fil-promozzjoni tal-eċċellenza għandu jissaħħaħ u l-prijoritajiet mmexxija mill-industrija għandhom ikunu rinfurzati (inklużi l-partenarjati immexxija mill-industrija f'oqsma bħal pereżempju t-teknoloġiji ewlenin li jiftħu l-possibbiltajiet) fil-Programm Qafas tar-riċerka |
| **7.** | Il-Kummissjoni se tfassal **programmi ta' riċerka u innovazzjoni futuri tal-UE-** biex tiżgura l-aċċess sempliċi u involviment akbar tal-SMEs, b'mod partikolari dawk b'potenzjal għoli ta' tkabbir. Għandu jsir aktar użu tal-partenarjati mal-aġenziji tal-Istat Membri, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-esperjenza tal-inizjattiva Eureka Eurostars. |
| **8.** | Il-Kummissjoni se **ssaħħaħ il-bażi tax-xjenza għat-tfassil tal-politika** permezz taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka. Il-Kummissjoni se toħloq ukoll "**Forum Ewropew dwar l-Attivitajiet li Jħarsu 'l Quddiem**" filwaqt li tiġbor flimkien studji u dejta eżistenti u tinvolvi l-partijiet interessati pubbliċi u privati biex ittejjeb il-bażi ta' evidenza tal-politiki. |

## 2.4. Il-Promozzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) bħala mudell tal-governanza tal-innovazzjoni fl-Ewropa

Il-ħolqien tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ipprovda impetu qawwi ġdid biex jiġu integrati t-tliet naħat tat-"trijangolu tal-għarfien" (l-edukazzjoni, ir-riċerkat u l-innovazzjoni) għall-ewwel darba fuq livell tal-UE billi jippromwovi mudelli ġodda ta' governanza u finanzjament. Huwa pijunier u mudell għall-istimulazzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa. Billi jkopri l-katina sħiħa tal-innovazzjoni, il-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni tiegħu (KIC) għandhom l-għan li jġiegħlu lill-aħjar imsieħba kreattivi u innovattivi fid-dinja mir-riċerka, min-negozji u mill-akkademji jaħdmu flimkien fuq sfidi soċjetali ewlenin L-EIT għalhekk se trawwem ir-riċerka mmexxija mill-innovazzjoni kif ukoll il-ħolqien u l-iżvilupp tan-negozji, inkluż permezz tal-edukazzjoni imprenditorjali, li se tiġi rikonoxxuta f'lawrji multidixxiplinarji "immarkati mill-EIT" li se jagħtu l-universitajiet imsieħba fi ħdan il-KIC. Il-finanzjament flessibbli ġdid ta' attivitajiet imprenditorjali ta' riskju għoli u s-self ta' fondi filantropiċi għall-appoġġ tal-innovazzjoni se jiġi żviluppat mill-Fondazzjoni EIT.

**<u>Impenn tal-Unjoni tal-Innovazzjoni</u>**

9. Sa nofs l-2011, **l-EIT għandu jistabbilixxi Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni biex jespandi l-attivitajiet tiegħu** bħala wirja tal-Innovazzjoni fl-Ewropa. Dan għandu jistabbilixxi l-iżvilupp tiegħu fuq żmien twil fi ħdan l-Unjoni tal-Innovazzjoni, inkluż il-ħolqien ta' KIC ġodda, rabtiet fil-qrib mas-settur privat u rwol aktar b'saħħtu fl-intraprendenza. Għandu wkoll jibni fuq il-Fondazzjoni EIT li se tiġi stabbilita fl-2010 u fuq l-introduzzjoni fl-2011 tal-"lawrja EIT" bħala tikketta ta' eċċellenza rikonoxxuta internazzjonalment.

## 3. IL-KISBA TA' IDEAT TAJBIN GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI

L-intraprendituri tal-Ewropa attwalment qegħdin jiffaċċjaw ħafna ostakoli u kundizzjonijiet ta' qafas ħżiena biex iġibu ideat tajbin għall-kummerċjalizzazzjoni. Fuq livell Ewropew, din il-katina ta' ostakoli għandha titneħħa b'mod sistematiku u għandu jinħoloq suq uniku għall-innovazzjoni.

### 3.1. It-titjib tal-aċċess għall-finanzjament għall-kumpaniji innovattivi

L-Ewropa għandha tinvesti fl-iżvilupp ta' ideat tajbin. Dan huwa primarjament ir-rwol tas-settur privat. Għaldaqstant l-Ewropa tinvesti madwar EUR 15 biljun fis-sena inqas f'kapital ta' riskju mill-Istati Uniti u jeħtieġ investiment ta' EUR 100 biljun aktar fir-R&Ż tan-negozju kull sena sabiex tintlaħaq il-mira ta' 3 % tal-PGD[15]. Il-banek iġibuha bi tqila biex iselfu lil kumpaniji bbażati fuq l-għarfien li jonqoshom il-kapital ta' garanzija. Il-kriżi finanzjarja ggravat is-sitwazzjoni.

Hemm għadd ta' diskrepanzi kbar fis-suq. Matul it-trasferiment tat-teknoloġija u l-fażi tal-bidu, il-kumpaniji qegħdin jiffaċċjaw "ħondoq tal-mewt" fejn l-għotjiet pubbliċi għar-riċerka jieqfu u mhuwiex possibbli li jiġi attirat il-finanzjament privat. L-appoġġ pubbliku bl-għan li jsaħħaħ il-fondi ta' tnedija u tal-bidu biex titneħħa din id-diskrepanza attwalment huwa wisq frammentat u intermittenti jew il-ġestjoni tiegħu jonqosha l-kompetenza meħtieġa.

Il-kumpaniji innovattivi bil-potenzjal li jespandu fi swieq internazzjonali għandhom aċċess limitat għall-finanzjament tat-tkabbir mill-kapital ta' riskju. Il-maġġoranza tal-fondi tal-kapital ta' riskju fl-Ewropa huma żgħar wisq biex jappoġġaw t-tkabbir kontinwu ta' kumpaniji innovattivi u ma għandhomx il-massa kritika biex jispeċjalizzaw u joperaw fuq livell transnazzjonali. L-Ewropa għandha bżonn ittejjeb is-suq tal-kapital ta' riskju tagħha billi toħloq inċentivi għall-investiment u billi ttejjeb ir-regolamentazzjoni.

Bosta kumpaniji innovattivi stabbiliti - kemm il-kbar kif ukoll iż-żgħar - qegħdin jiffaċċjaw nuqqas ta' self ta' riskju ogħla. Il-banek ma għandhomx l-abbiltà li jagħtu valur lill-assi ta' għarfien, bħal pereżempju l-proprjetà intellettwali, u għalhekk ħafna drabi ma jkunux iridu jinvestu f'kumpaniji bbażati fuq l-għarfien. Jeħtieġ ukoll self biex jgħin fil-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura ewlenin.

Jeħtieġ l-użu intelliġenti ta' partenarjati pubbliċi privati kif ukoll bidliet fil-qafas regolatorju sabiex jiġu eliminati dawn id-diskrepanzi, u biex l-Ewropa ssir post attraenti biex wieħed jinvesti fl-innovazzjoni. L-ostakoli kollha li fadal għall-fondi ta' kapitali ta' riskju li joperaw

[15] Id-dejta l-aktar reċenti disponibbli mill-2008, inkluż il-Kapital ta' Riskju fl-istadju bikri u l-espansjoni.

bejn il-fruntieri għandhom jitneħħew. L-elenkar tal-istokk tal-kumpaniji innovattivi għandu jiġi ssimplifikat biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital[16]. Il-linji gwida dwar il-Kapital ta' Riskju tal-għajnuna tal-Istat jippermettu lill-Istati Membri jeliminaw id-diskrepanzi fil-finanzi disponibbli fis-suq. Id-daqs tad-diskrepanza tal-likwidità qiegħed jiġi vvalutat mill-ġdid biex jiġi żgurat li huwa xieraq għall-kundizzjonijiet attwali.

Fuq livell tal-UE, il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji attwali skont l-FP7 (RSFF) u l-istrumenti finanzjarji tal-Programm Qafas tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP)[17] għenu investimenti ta' valur ta' ħafna aktar minn għoxrin darba l-kontribuzzjoni mill-Baġit tal-UE[18], u ma setgħux jilħqu mad-domanda. Il-pożizzjoni tal-kompetenza u tas-suq tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fil-ġestjoni ta' dawn l-istrumenti finanzjarji kien fattur ewlieni fis-suċċess tagħhom. Il-proposti tal-Kummissjoni għal bidliet fir-Regolamenti Finanzjarji se jissimplifikaw l-implimentazzjoni ta' skemi futuri ta' dan it-tip.

Kif indikat fl-istrateġija Ewropa 2020, jista' jkun hemm opportunitajiet biex jiddaħħlu aktar mekkaniżmi ta' inċentiv innovattivi marbuta mas-suq tal-karbonju, l-aktar għal dawk il-prodotti li jinbiegħu malajr. Din l-idea se tiġi investigata aktar mill-Kummissjoni.

**Impenji tal-Unjoni tal-Innovazzjoni**

**10** Sal-2014: fuq il-bażi tal-proposti tal-Kummissjoni, l-UE għandha **tistabbilixxi strumenti finanzjarji biex tattira żieda kbira fil-finanzjament privat** u telimina d-diskrepanzi tas-suq fl-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE għandhom joħolqu effet ta' spinta kbira u jespandu fuq is-suċċess tal-FP7 u s-CIP. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment, l-intermedjarji finanzjarji nazzjonali u investituri privati biex tiżviluppa proposti li jindirizzaw id-diskrepanzi kritiċi li ġejjin: (i) l-investiment fit-trasferiment tal-għarfien u fl-impriżi li għandhom jibdew; (ii) il-kapital ta' riskju għal ditti li qegħdin jikbru malajr u li qegħdin jespandu fis-swieq tal-UE u dawk globali; (iii) it-tqassim tar-riskju finanzjarju għall-investimenti fir-R&Ż u l-proġetti ta' innovazzjoni; u (iv) is-self għall-SMEs innovattivi li qegħdin jikbru malajr u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Il-proposti se jiżguraw effett ta' spinta kbir, ġestjoni effiċjenti u aċċess sempliċi għan-negozji.

**11.** Sal-2012, il-Kummissjoni se tiżgura li **l-Fondi tal-Kapital ta' Riskju stabbiliti fi kwalunkwe Stat Membru jkunu jistgħu jaħdmu u jinvestu b'mod ħieles fl-UE (jekk meħtieġ billi jadottaw sistema leġiżlattiva ġdida). Hija se tagħmel l-aħjar**

16 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li jmiss dwar "Att dwar is-Suq Uniku"

17 L-RSFF hija skema tal-kondiviżjoni tar-riskji ta' kreditu stabbilita b'mod konġunt mill-KE u l-BEI biex jitjieb l-aċċess għall-finanzjament tad-dejn għall-kumpaniji privati jew l-istituzzjonijiet pubbliċi li jippromwovu attivitajiet bi profil ta' riskju finanzjarju ogħla fil-qasam tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku, id-dimostrazzjoni u l-innovazzjoni. L-istrumenti finanzjarji tas-CIP ikopru l-garanziji tas-self u l-kapital ta' riskju, u huma ġestiti mill-FEI.

18 Sal-lum, il-kontribuzzjonijiet għall-RSFF ta' EUR 430 miljun mill-baġit tal-UE u EUR 800 miljun mill-BEI, bħala imsieħba li jaqsmu r-riskju, appoġġaw aktar minn EUR 18 miljun investiment (15-il darba aktar mill-kontribuzzjoni lill-RSFF u 42 darba aktar mill-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE). Il-kontribuzzjoni ta' EUR 400 miljun lill-istrumenti finanzjarji tas-CIP sal-aħħar tal-2009 għenet investimenti ta' EUR 9 biljun (22 darba aktar mill-kontribuzzjoni tal-baġit), u kienet ta' benefiċċju għal madwar 68000 SME.

**li tista' biex telimina kwalunkwe** trattament tat-taxxa li mhuwiex favorevoli għall-attivitajiet ta' bejn il-fruntieri.

12. **Il-Kummissjoni se ssaħħaħ it-tqabbil bejn il-fruntieri ta' ditti innovattivi b'investituri xierqa. Hija se taħtar figura ewlenija biex tmexxi l-proċess. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-Forum tal-Finanzi tal-SMEs, il-Kummissjoni se tiffoka *inter-alia* fuq il-problemi ta' finanzjament partikolari li jiffaċċjaw il-kumpaniji żgħar u innovattivi.**

13. Fl-2011, il-Kummissjoni se **tmexxi reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-għajnuna tal-Istat għall-qafas tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni** filwaqt li tiċċara liema forom ta' innovazzjoni jistgħu jiġu appoġġati b'mod xieraq, inkluż għat-teknoloġiji ewlenin li jiftħu l-possibbiltajiet u l-innovazzjonijiet li jindirizzaw sfidi soċjali ewlenin, u l-aħjar użu tagħhom mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-effikaċja tal-miżuri temporanji tal-għajnuna tal-Istat li ġew introdotti fl-2008, inkluża ż-"żona sikura" miżjuda għall-investimenti ta' kapital ta' riskju, u fuq din il-bażi tagħmel il-proposti meħtieġa.

### 3.2. Il-ħolqien ta' suq ta' innovazzjoni uniku

Id-daqs biss tas-suq uniku, appoġġat minn konsumaturi li ngħataw is-setgħa, għandu jattira investimenti u negozji innovattivi, iqanqal il-kompetizzjoni għall-aħjar innovazzjonijiet, u jippermetti l-intraprendituri jikkumerċjalizzaw innovazzjonijiet b'suċċess u jkabbru n-negozju tagħhom malajr. Madankollu, ir-realtà hija wisq ta' spiss waħda ta' swieq nazzjonali frammentati bi proċeduri li jiswew il-flus. Qiegħed jitressaq Att dwar Suq Uniku biex jindirizza l-ostakoli li fadal għall-funzjonament tas-suq intern.

Kwistjoni kritika għall-investimenti tal-innovazzjoni fl-Ewropa hija l-ispiża u l-kumplessità tar-reġistrazzjoni ta' privattivi. Il-kisba ta' protezzjoni ta' privattiva għas-27 Stat Membru tal-UE kollha hija attwalment 15-il darba aktar għalja mill-protezzjoni ta' privattiva fl-Istati Uniti[19], l-aktar minħabba miżati ta' traduzzjoni u miżati legali. In-nuqqas ta' privattiva tal-UE mhux għalja u sempliċi huwa żvantaġġ għall-innovazzjoni. Il-Privattiva tal-UE saret simbolu tal-falliment tal-Ewropa fl-innovazzjoni. Dan jista' jiffranka ammont stmat ta' EUR 250 miljun lin-negozji innovattivi u għandu jiġi adottat mingħajr dewmien, bħala prova li l-UE hija serja dwar il-fatt li ssir Unjoni tal-Innovazzjoni.

Il-potenzjal tas-suq uniku għandu wkoll jiġi attivat permezz ta' politiki li jistimulaw id-domanda għall-innovazzjoni, l-ewwelnett b' politika ta' kompetizzjoni effettiva. Filwaqt li l-maġġoranza tal-inizjattivi tal-politika tal-UE preċedenti ffokat fuq miżuri tal-attività tal-offerta li ppruvaw jagħtu spinta lill-innovazzjoni, il-miżuri tal-attività tad-domanda jagħtu lis-swieq rwol akbar fil-"ġibda" tal-innovazzjoni tal-UE billi jipprovdu opportunitajiet tas-suq. Ittieħdu passi inizjali skont l-Inizjattiva ta' Swieq Gwida għall-UE iżda huwa meħtieġ approċċ aktar kunfidenti li jassoċja n-naħat tal-offerta u tad-domanda.

Regolamentazzjoni intelliġenti u ambizzjuża tista' tkun mutur ewlieni għall-innovazzjoni, b'mod partikolari meta jintużaw l-approċċi dinamiċi u dawk ibbażati fuq is-suq. Dan huwa partikolarment importanti għall-eko-innovazzjoni. Miri u standards ambjentali aktar stretti,

[19] "Analiżi tal-ispiża-benefiċċju ekonomiku tal-privattiva Komunitarja", mwettqa mill-Prof. Bruno van Pottelsberghe (2009).

pereżempju dwar l-emiissjonijiet tas-CO2 mill-vetturi, li jistabbilixxu għanijiet ta' sfida u jipprovdu tbassir fuq żmien twil, jipprovdu spinta kbira għall-eko-innovazzjoni. Regoli armonizzati għall-approvazzjonijiet ta' prodotti huma ta' spiss essenzjali. Pereżempju, mingħajr ir-regoli li jiżguraw l-approvazzjoni tat-tip, l-introduzzjoni ta' vetturi ekoloġiċi fit-toroq Ewropej ma tistax isseħħ.

L-istandards għandhom rwol importanti għall-innovazzjoni. Permezz tal-kodifikar tal-informazzjoni dwar l-istat ta' teknoloġija partikolari, dawn jippermettu tixrid ta' għarfien, l-interoperabbiltà bejn il-prodotti u servizzi ġodda u jipprovdu pjattaforma għal aktar innovazzjoni. Pereżempju, il-ftuħ tas-suq tat-telekomunikazzjonijiet flimkien mal-istandard GSM stabbilixxew is-sisien għas-suċċess tal-Ewropa fit-telefowns ċellulari. Madankollu, l-istandards jaqdu dan l-irwol utli biss jekk iżommu l-pass mal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda. It-tqassir ta' ċikli mgħaġġla ta' innovazzjoni u l-konverġenza tat-teknoloġiji li jaqsmu l-konfini tat-tliet organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej huma sfida partikolari. Jekk ma tkunx tista' tadatta, is-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni tkun qed tissogra li ssir irrelevanti bil-kumpaniji iduru minflok għal strumenti oħra (kif jidher fis-settur ICT) jew agħar minn hekk - tista' tibda taħdem bħala ostaklu għall-innovazzjoni. Sistema dinamika tal-istandardizzazzjoni hija wkoll prekundizzjoni għall-UE biex tippriżerva u tkompli ssaħħaħ l-impatt tagħha fuq it-twaqqif ta' standards fil-livell globali, fejn pajjiżi oħra qed ifittxu dejjem aktar li jistabbilixxu r-regoli.

Il-klijenti l-kbar għandhom rwol kruċjali fl-istimulazzjoni u l-finanzjament tal-kumpaniji tat-teknoloġija għolja. L-Istati Uniti jonfqu mill-inqas 49 biljun dollaru fis-sena[20] fuq l-akkwist prekummerċjali (jiġifieri l-akkwist tar-Riċerka u l-Iżvilupp), u parti minnu permezz tal-programm SBIR (*Small Business Innovation Research*). [21] Jonfqu saħansitra aktar fuq akkwisti ta' innovazzjoni lil hinn mir-Riċerka u l-Iżvilupp (teknoloġiji ġodda, prodotti u servizzi).

L-akkwist pubbliku jammonta għal madwar 17 % tal-PGD tal-UE. Dan jirrappreżenta suq importanti, partikolarment f'oqsma bħas-saħħa, it-trasport u l-enerġija. . Allura, l-Ewropa għandha l-opportunità enormi u sa ċertu punt injorata li tistimola l-innovazzjoni permezz tal-akkwist. Barra minn hekk, l-akkwist pubbliku ta' prodotti u servizzi innovattivi huwa vitali biex jittejbu il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi fi żmien ta' limitazzjonijiet baġitarji. Madankollu hija biss parti żgħira mill-akkwist pubbliku fl-Ewropa li hija mmirata lejn l-innovazzjoni, minkejja l-opportunitajiet skont id-direttivi ta' akkwist tal-UE. Dan huwa dovut għal firxa ta' fatturi, bħal: inċentivi li jiffavorixxu soluzzjonijiet ta' riskju baxx; nuqqas ta 'għarfien u kapaċitajiet fir-rigward ta' kuntratti b'suċċess ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjonijiet; u skonnessjoni bejn l-akkwist pubbliku u l-għanijiet tal-politika. Dan jista' jiġi indirizzat aħjar permezz ta' gwida u l-qsim tal-aħjar prattika, notevolment fil-qasam tal-akkwist pubbliku ekoloġiku. Barra minn hekk, minħabba li s-swieq ta' akkwist pubbliku għadhom frammentati madwar l-Ewropa, l-akkwisti spiss jonqsu milli jilħqu l-iskala kritika meħtieġa biex jiġu xprunati l-investimenti innovattivi.

Diversi Stati Membri qed joħorġu b'modi ġodda biex jappoġġaw l-innovazzjoni permezz ta' akkwist prekummerċjali u approċċi li jadattaw l-iskema ta' suċċess US SBIR għall-kuntest tal-UE.[22] Ir-riżultati kienu inkoraġġanti, b'mod partikolari għall-SMEs (għalkemm il-kuntratti

[20] Ċifra 2004

[21] L-Istati Uniti tobbliga bil-liġi lill-aġenziji federali tagħha biex jiddedikaw 2.5% tal-baġits esterni tagħhom biex jiffinanzjaw proġetti innovattivi tal-SMEs.

[22] Bħall-iskemi UK SBRI u l-SBIR Olandiża li joffru kuntratti biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet għal sfidi speċifiċi identifikati fis-servizzi pubbliċi. Dawn l-iskemi jsegwu l-approċċ stipulat fil-Komunikazzjoni

mhumiex limitati biss għal SMEs). Jekk dan l-approċċ jista' jiġi applikat b'mod aktar wiesa' u flimkien ma' akkwist konġunt bejn l-entitajiet kontraenti differenti, jistgħu jinħolqu swieq enormi li jagħtu spinta lill-innovazzjoni u negozji innovattivi ġodda.

**L-impenji tal-Unjoni tal-Innovazzjoni**

**14.** Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jadottaw il-proposti dwar il-privattiva tal-UE, ir-reġim lingwistiku tagħha u s-sistema unifikata ta' soluzzjoni għat-tilwim. L-għan huwa li l-ewwel privattivi tal-UE jingħataw fl-2014.

**15** B'bidu mill-2011: L-UE u l-Istati Membri għandhom **iwettqu testijiet tal-qafas regolatorju fl-oqsma ewlenin, billi jibdew minn dawk marbuta mal-ekoinnovazzjoni u mal-Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropea** (ara t-taqsima li jmiss). Dan se jidentifika r-regoli li jeħtieġu li jiġu mtejba jew aġġornati u/jew regoli ġodda li għandhom jiġu implimentati sabiex jipprovdu inċentivi biżżejjed u kontinwi biex jixprunaw l-innovazzjoni. Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida dwar kif l-aħjar jiġi organizzat dan l-eżerċizzju ta' skrining.

**16.** Kmieni fl-2011, bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni se tippreżenta Komunikazzjoni akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva dwar l-istandardizzazzjoni, li ser tkopri fost l-oħrajn is-settur tal-ICT, **sabiex jitħaffef u jiġi mmodernizzat it-twaqqif ta' standards li jippermettu l-interoperabilità u jrawmu l-innovazzjoni fis-swieq globali li mixjin b'pass mgħaġġel**. Dan se jingħaqad ma' programm multiannwali biex ikunu antiċipati bżonnijiet ġodda tal-istandardizzazzjoni u l-integrazzjoni ta' standards fil-proġetti tar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-Programm Qafas għar-riċerka. Il-Komunikazzjoni se teżamina wkoll għażliet li jiżguraw f'perspettiva aktar fit-tul li s-sistema ta' standardizzazzjoni hija kapaċi tadatta għall-ambjent li qiegħed jevolvi malajr u tikkontribwixxi għall-għanijiet strateġiċi interni u esterni tal-Ewropa (relatati, fost oħrajn, għall-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku), inkluż permezz tat-tnedija ta' reviżjoni indipendenti.

**17.** Sa mill-2011, **l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom mwarrba baġits dedikati għall-akkwisti prekummerċjali u l-akkwisti pubbliċi ta' prodotti u servizzi innovattivi** (inklużi dawk definiti Partenarjati tal-Innovazzjoni, ara Taqsima 5). Din għandha toħloq **swieq tax-xiri madwar l-UE li jibdew minn mill-inqas € 10 biljun fis-sena** għal innovazzjonijiet li jtejbu l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi, filwaqt li jindirizzaw l-isfidi soċjetali ewlenin. L-għan għandu jkun li jinkisbu swieq ta' akkwist innovattiv ekwivalenti għal dawk fl-Istati Uniti. Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' appoġġ (finanzjarju) li jgħin lill-awtoritajiet kontraenti biex jimplimentaw dawn l-akkwisti b'mod mhux diskriminatorju u miftuħ, biex jgħaqqdu d-domanda, biex ifasslu l-speċifikazzjonijiet komuni, u biex jippromwovu l-aċċess għall-SMEs.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se toffri gwida dwar l-implimentazzjoni **tal-akkwisti konġunti bejn l-entitajiet kontraenti** skont id-direttivi attwali dwar l-akkwist pubbliku u tuża l-evalwazzjoni ġenerali kontinwa tad-direttivi attwali sabiex

tal-Kumissjoni dwar l-Akkwist Prekummerċjali. L-Istati Uniti jirriervaw parti mill-baġit federali tagħhom biex jappoġġaw l-innovazzjoni permezz tal-programm SBIR tagħhom.

teżamina l-opportunità li tintroduċi regoli addizzjonali biex tiffaċilita l-akkwisti konġunti transkonfinali.

**18.** Sa kmieni fl-2011 il-Kummissjoni se tippreżenta **l-pjan ta' azzjoni tal-ekoinnovazzjoni** msejjes fuq l-Unjoni tal-Innovazzjoni u ffukat fuq x-xkiel, l-isfidi u opportunitajiet speċifiċi għall-kisba ta' objettivi ambjentali permezz ta’ innovazzjoni

### 3.3. Promozzjoni ta' sinċerità u kapitalizzazzjoni fuq il-potenzjal kreattiv tal-Ewropa

Il-kumpaniji huma innovattivi b'modi differenti. Filwaqt li xi wħud iwettqu r-Riċerka u l-Iżvilupp u jiżviluppaw teknoloġiji ġodda, bosta jibbażaw ħafna mill-innovazzjonijiet tagħhom fuq teknoloġiji eżistenti jew jiżviluppaw mudelli ġodda tan-negozju jew servizzi mmexxija mill-utenti u l-fornituri, jew fi ħdan raggruppamenti jew netwerks. Il-politiki għalhekk iridu jitfasslu biex jappoġġaw il-forom kollha ta' innovazzjoni, mhux biss l-innovazzjoni teknoloġika. Jistgħu wkoll jinħtieġu metodi speċifiċi għas-servizzi innovattivi b'potenzjal ta’ tkabbir għoli, partikolarment fl-industriji kulturali u kreattivi[23].

Id-disinn huwa ta' importanza partikolari u huwa rikonoxxut bħala dixxiplina ewlenija u attività li tressaq l-ideat fis-suq, billi tittrasformahom fi prodotti attraenti u faċli għall-utent. Minkejja li xi pajjiżi Ewropej huma mexxejja dinjija fid-disinn, oħrajn għandhom nuqqas ta' infrastruttura soda ta' disinn u nuqqas ta' kapaċità fid-disinn fil-kumpaniji u l-iskejjel tal-inġinerija. Din id-differenza sistemika baqgħet 'il biċċa l-kbira inosservata iżda issa trid tiġi indirizzata.

Peress li l-problemi qed isiru dejjem aktar kumplessi, u l-ispejjeż tal-innovazzjoni qed jiżdiedu, id-ditti qed jitħeġġu dejjem aktar biex jikkollaboraw. Filwaqt li dawn għadhom iwettqu l-iżvilupp lokalment, dan huwa ħafna drabi kkomplimentat b'attivitajiet biex jiġu identifikati, irrikonoxxuti u ttrasferiti l-ideat minn sorsi esterni, bħall-universitajiet jew start ups. Huma ġieli jingħaqdu għall-innovazzjonijiet ma' utenti u konsumaturi sabiex jissodisfaw aħjar il-bżonnijiet tagħhom jew joħolqu rotot ġodda għas-suq. Din it-tendenza qed tiġi alimentata min-netwerking soċjali u l-isħaba (cloud), l-ikkompjuterizzar mobbli u kollaborattiv u qiegħda tinxtered fost is-setturi tal-manifattura u servizzi. Hija wkoll għandha implikazzjonijiet kbar għar-riċerka, ix-xjenza, l-edukazzjoni u l-gvern innifsu. Dawn it-tendenzi għall-innovazzjoni kollaborattiva u miftuħa għandhom implikazzjonijiet ta' politika ewlenin. Filwaqt li huwa importanti li jinstab bilanċ ġust bejn l-iffaċilitar tat-tixrid tal-għarfien u li jiġu pprovduti inċentivi biżżejjed għall-innovazzjoni, il-Kummissjoni temmen li dawn ix-xejriet se jġibu magħhom benefiċċji ekonomiċi u soċjali fit-tul u għandhom jiġu appoġġati.

Huwa għalhekk iktar importanti minn qatt qabel li tingħata l-hekk imsejħa "il-ħames libertà", li mhux biss hija l-moviment ħieles tar-riċerkaturi iżda wkoll il-moviment liberu tal-ideat dwar l-innovazzjoni miftuħa. L-innovazzjoni verament miftuħa teħtieġ is-senserija, l-intermedjarji u netwerks fejn l-atturi kollha jistgħu jipparteċipaw fuq bażi ugwali. Clusters kompetittivi internazzjonalment għandhom rwol vitali biex jiġbru flimkien - fiżikament u b'mod virtwali - il-kumpaniji kbar u l-SMEs, l-universitajiet, iċ-ċentri tar-riċerka u l-komunitajiet ta' xjentisti u l-prattikanti għall-iskambju tal-għarfien u l-ideat. It-trasferiment ta'

[23] Ara l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar "It-tħeġġiġ tal-potenzjal ta' industriji kulturali u kreattivi", COM(2010) 183 finali.

għarfien bejn in-negozji u l-akkademja għandu jissaħħaħ, u jitħeġġeġ biex isir b'mod transnazzjonali. L-*Enterprise Europe Network* jipprovdi trasferiment transnazzjonali tat-teknoloġija, senserija u servizzi oħra ta' appoġġ u innovazzjoni marbuta man-negozju u jgħin lill-SMEs li jaħdmu internazzjonalment. Dan għandu jkun rinfurzat u mtejjeb aktar.

Ir-riżultati ta' riċerka ffinanzjata mill-pubbliku għandhom isiru iżjed aċċessibbli u disponibbli. Is-sistemi ta' informazzjoni ta' riċerka għandhom jiġu mtejba, illinkjati, u jsiru aktar interoperabbli, inkluż mad-database tat-trasferiment tat-teknoloġija BBS tal-*Enterprise Europe*. L-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku għandha tkun aktar disponibbli għar-riċerka u l-innovazzjoni (kif propost skont l-Aġenda Diġitali, li biha l-Kummissjoni tippjana li fl-2012 tadotta reviżjoni ambizzjuża tal-Użu mill-ġdid tad-Direttiva dwar l-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku).

Kwistjoni ewlenija hija kif jistgħu jiżdiedu l-flussi ta', u għalhekk l-benefiċċji mid-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (IPRs, inkluż privattivi, id-disinn u d-drittijiet tal-awtur). Filwaqt li l-Privattiva tal-UE għandha tnaqqas b'mod drammatiku l-ispiża tal-privattivi fl-Ewropa, partikolarment għall-SMEs, il-benefiċċji ekonomiċi jgħaddu mill-isfruttament tal-IPRs fi prodotti u servizzi innovattivi. Dan huwa kritiku f'setturi bħal semikondutturi u telekomunikazzjonijiet fejn kumpaniji jeħtieġu li jgħaqqdu flimkien ħafna teknoloġiji eżistenti u għalhekk jeħtieġu drittijiet ta' aċċess għal firxa ta' IPRs.

Is-swieq għan-negozjar tal-IPRs iridu jsiru inqas mċajpra u frammentati hekk li x-xerrejja u l-bejjiegħa tal-IPR jistgħu isibu lil xulxin b'mod effiċjenti, l-investimenti finanzjarji isiru fl-assi fl-IPR, u t-tranżazzjonijiet iseħħu fuq termini ġusti. Minkejja li numru ta' inizjattivi qed jitfaċċaw kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll internazzjonalment[24], dawn għandhom jiġu żviluppati fuq skala Ewropea għall-effiċjenza massima u biex jieħdu vantaġġ minn ekonomiji ta' skala u ambitu. Dawn is-swieq ta' għarfien għandhom ikunu miftuħa għal parteċipanti ġodda u jinfetaħ il-potenzjal tal-IPRs mhux sfruttati li jinsabu fl-universitajiet, l-istituti ta’ riċerka u l-kumpaniji. Dan jista' jiġġenera flussi ġodda ta' dħul maġġuri, li jistgħu jiġu investiti mill-ġdid fir-riċerka, u b'hekk jinħoloq ċiklu virtwuż.

Lil hinn mill-appoġġ PI li huwa attwalment ipprovdut permezz tal-IPR Helpdesk u l-kooperazzjoni ma' uffiċċji nazzjonali tal-privattivi, l-SMEs għandhom bżonn assistenza aktar b'saħħitha għall-użu effiċjenti ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u industrijali biex ikunu fuq l-istess pjattaforma ma' kumpaniji ikbar.

Biex jaħdmu b'mod effettiv is-swieq tal-għarfien, ir-relazzjoni bejn il-proprjetà intellettwali u politika tal-kompetizzjoni teħtieġ li tiġi kkunsidrata fil-fond. Dan għandu għadd ta’ aspetti. L-ewwel, l-ambitu ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u l-kwalità għolja tal-privattivi mogħtija fl-Ewropa għandhom jinżammu biex ikun żgurat li d-drittijiet legali jkunu definiti b'mod ċar. It-tieni, għalkemm l-arranġamenti kollaborattivi IPR (cross-liċenzjar, pools ta' privattivi, eċċ.) ġeneralment ikollhom impatt pożittiv, jeħtieġ ukoll li jiġu eżaminati biex jiġi żgurat li ma jintużawx b'mod antikompetittiv. It-tielet, il-proċessi li jiffissaw l-standards jeħtieġu regoli ċari għall-IPR sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn kumpanija tista' tikseb poter inġust fis-suq billi tinkorpora IPRs proprjetarji fi standard.

**Impenni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni**

[24] Bħall-post tas-suq tal-proprjetà intellettwali tal-Uffiċju tal-Privattivi Olandi u l-inizjattiva konġunta tal-Caisse des Dépots Franiża u l- US Bank Ocean Tomo.

19. Fl-2011, il-Kummissjoni ser tistabbilixxi **Bord Ewropew ta' Tmexxija fid-Disinn** li se jkunu mistieden biex jagħmel proposti fi żmien sena li jsaħħu l-irwol tad-disinn fil-politika tal-innovazzjoni, pereżempju permezz tal-UE u/jew programmi nazzjonali, u tikketta għad-"Disinn Ewropew ta' Eċċellenza". Bħala parti mis-segwitu għall-Green Paper dwar industriji kulturali u kreattivi, il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Alleanza Ewropea għall-Industriji Kreattivi** biex jiġu żviluppati forom ġodda ta' appoġġ għal dawn l-industriji u tippromwovi l-użu usa' tal-kreattività minn setturi oħrajn.

20. Il-Kummissjoni **se tippromwovi aċċess miftuħ** għar-riżultati ta' riċerka ffinanzjata mill-pubbliku. Dan se jimmira li **jiftaħ l-aċċess għall-pubblikazzjonijiet il-prinċipju ġenerali għal proġetti ffinanzjati mill-Programmi ta' Qafas tar-Riċerka tal-UE.** Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' **servizzi intelliġenti dwar l-informazzjoni tar-riċerka** li jistgħu jitfittxu b'mod komplet u jippermettu li r-riżultati minn proġetti ta' riċerka jkunu aċċessibbli faċilment.

21. Il-Kummissjoni se **tiffaċilita r-riċerka kollaborattiva effettiva u t-trasferiment tal-għarfien** fi ħdan il-Programmi ta' Qafas għar-riċerka u lil hinn. Hija se taħdem mal-partijiet interessati sabiex tiżviluppa sett ta' ftehimiet mudell ta' konsorzju b'għażliet li jvarjaw minn approċċi tradizzjonali sabiex jiġi protett l-PI sa dawk aktar miftuħa. Jinħtieġu wkoll mekkaniżmi biex jissaħħu aktar l-uffiċċji tat-trasferiment tal-għarfien fl-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi, b'mod partikolari permezz ta' kollaborazzjoni transnazzjonali.

22. Sa tmiem l-2011, b'ħidma mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni se tagħmel proposti biex **jiġi żviluppat suq ta' għarfien Ewropew għall-privattivi u l-liċenzji**. **Dan għandu jibni fuq l-esperjenza tal-Istati Membri fin-negozjar tal-pjattaformi li** jaqblu mal-provvista u d-domanda, **fis-swieq li jippermettu l-investimenti finanzjarji** fl-assi intanġibbli, u ideat oħra biex jinvigoraw il-proprjetà intellettwali ttraskurata, billi pereżempju jingħaqdu l-privattivi u s-senserija tal-innovazzjoni.

23. Il-Kummissjoni se **teżamina r-rwol tal-Politika tal-Kompetizzjoni fis-salvagwardja kontra l-użu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għal skopijiet antikompetittivi**. Din se tanalizza l-implikazzjonijiet tal-ftehimiet IPR kollaborattivi bħala parti mir-reviżjoni tagħha tal-applikazzjoni tar-regoli antitrust tagħha għal ftehim orizzontali bejn il-kumpaniji f'kompetizzjoni ma' xulxin.

## 4. IT-TISĦIĦ TAL-KOEŻJONI SOĊJALI U TERRITORJALI

### 4.1. It-tifrix tal-benefiċċji tal-Innovazzjoni madwar l-Unjoni

L-Unjoni tal-Innovazzjoni għandha tinvolvi r-reġjuni kollha. Il-kriżi finanzjarja qed ikollha impatt sproporzjonat fuq xi reġjuni anqas kapaċi u għalhekk qed tissogra li timmina l-konverġenza riċenti. [25] L-Ewropa għandha tevita l-"firda fl-innovazzjoni" bejn ir-reġjuni innovattivi l-iktar b'saħħithom u l-oħrajn.

[25] Konklużjonijiet tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni 2009.

Il-Fondi Strutturali għandhom rwol kruċjali u diġà jipprovdu investimenti sostanzjali fir-riċerka u l-innovazzjoni. Ġew programmati xi EUR 86 biljun għall-perjodu finanzjarju attwali (2007-13). Ħafna minn dawn il-fondi għadhom ma ntefqux u għandhom jintużaw b'mod aktar effettiv għall-innovazzjoni u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ewropa 2020. Bħalissa, hemm wisq fondi allokati lil proġetti li jikkoinċidu jew lil prijoritajiet fejn reġjun jonqsu s-saħħa relattiva. Ir-reġjuni għandhom bżonn jidderieġu mill-ġdid il-finanzjament ibbażat fuq approċċ ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u jiffokaw fuq is-saħħiet relattivi fejn jistgħu jsiru eċċellenti.

Hemm għadd ta' modi oħra kif il-Fondi Strutturali jistgħu jintużaw b'mod aktar effettiv. Relattivament ftit huwa minfuq fil-ġbir ta' riżorsi u fil-kompetenza permezz ta' proġetti transnazzjonali[26], pereżempju għall-appoġġ tal-infrastrutturi tar-riċerka jew għall-emerġenza ta' clusters ta' klassi dinjija. Jista' jsir użu akbar ta' strumenti finanzjarji għall-finanzjament privat għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-akkwisti pubbliċi kkofinanzjati mill-Fondi Strutturali għandhom jintużaw ukoll biex tiżdied id-domanda għal prodotti u servizzi innovattivi. Il-Fondi Soċjali Ewropej jistgħu jintużaw b'mod aktar effettiv għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' nies bil-ħiliet meħtieġa għall-Unjoni tal-Innovazzjoni. Programmi fuq livell Ewropew biex jappoġġaw il-kooperazzjoni transreġjonali (eż. ir-Reġjuni ta' Għarfien FP7, inizjattivi ta' clusters ffinanzjati mis-CIP u *Enterprise Europe Network*, u operazzjonijiet ko-finanzjati skont il-programmi Kooperazzjoni Territorjali Ewropea) għandhom jiġu kkonsolidati biex jgħinu aħjar lil reġjuni u jżidu l-impatti fuq l-iżvilupp reġjonali. Barra minn hekk, għandu jkun hemm inċentivi fi programmi futuri għall-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni ta' innovazzjoni ewlenin u dawk fi Stati Membri li għadhom iridu jlaħħqu magħhom.

**Impenni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni**

**24.** B'bidu mill-2011: L-Istati Membri għandhom itejbu konsiderevolment l-użu tagħhom **tal-Fondi Strutturali eżistenti għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni, jgħinu lin-nies jiksbu l-ħiliet meħtieġa, itejbu l-prestazzjoni tas-sistemi nazzjonali u jimplimentaw strateġiji intelliġenti ta 'speċjalizzazzjoni u l-proġetti transnazzjonali**. Dan għandu japplika wkoll għall-finanzjament ta' qabel l-adeżjoni għall-pajjiżi kandidati l-UE. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tassisti u se tuża r-riċerka reġjonali u l-inizjattivi cluster tagħha biex tappoġġa din il-bidla u tistabbilixxi "pjattaforma ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti" sal-2012, inkluż aktar appoġġ għall-emerġenza ta' clusters ta' klassi dinjija. Aktar dettalji jinsabu fil-Komunikazzjoni li takkumpanja.

**25.** L-Istati Membri għandhom jibdew il-**preparazzjoni tal-programmi tal-Fond Strutturali post-2013 b'fokus akbar fuq l-innovazzjoni** u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti. Ir-regolamenti futuri li jirregolaw l-operat tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandhom ikomplu jimpenjaw riżorsi finanzjarji sostanzjali għall-appoġġ ta' inizjattivi ta' innovazzjoni fir-reġjuni tal-Unjoni Ewropea.

## 4.2. Iż-żieda tal-benefiċċji soċjali

L-innovazzjoni soċjali hija qasam ġdid importanti li għandu jitrawwem. Huwa l-każ li tkun sfruttata l-inġenwità tal-karitajiet, l-assoċjazzjonijiet u l-imprendituri soċjali biex jinstabu modi ġodda biex jintlaħqu l-ħtiġijiet soċjali li mhumiex sodisfatti b'mod adegwat mis-suq jew mis-settur pubbliku. Jittratta wkoll l-isfruttament ta' din l-istess inġenwità biex jinkisbu bidliet

---

[26] Billi tintuża l-possibilità skont l-Artikolu 37 (6b) tar-Regolament KE Nru 1083/2006.

fl-imġiba li huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali l-kbar, bħall-bidla fil-klima. Barra li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali, u jindirizzaw l-isfidi soċjetali, l-innovazzjonijiet soċjali jagħtu s-setgħa lin-nies u joħolqu relazzjonijiet soċjali u mudelli ġodda ta' kollaborazzjoni. Dawn huma għalhekk innovattivi fihom infushom u tajbin għall-kapaċità tas-soċjetà għall-innovazzjoni.

Eżempji ta' innovazzjoni soċjali fil-firxa Ewropea minn skemi ta' prevenzjoni tal-mard koronarju tal-qalb li huma mmirati lejn il-komunità kollha aktar milli sempliċement individwi "f'riskju", netwerks soċjali tal-ġirien li jgħinu lill-anzjani li jgħixu waħedhom, Ekomapep urbani li jipprovdu l-komunitajiet lokali b'informazzjoni dwar il-progress tagħhom lejn il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jew banek etiċi li jipprovdu prodotti finanzjarji li jfittxu li jkabbru r-redditi soċjali u ambjentali fuq l-investiment.

Madankollu, filwaqt li ma hemm ebda nuqqas ta' ideat tajbin, l-innovazzjonijiet soċjali għadhom ma jipproduċux l-impatt li għandhom jipproduċu. Għandu jkun hemm aktar appoġġ għall-esperimentazzjoni. Approċċi li għandhom vantaġġi ċari fuq prassi attwali mbagħad jeħtieġu li jitkabbru u jiġu mxerrda. Biex jinkiseb dan, huma meħtieġa intermedjarji kompetenti, inċentivi effettivi u netwerks li jħaffu u jiffaċilitaw it-tagħlim reċiproku. Madwar l-Ewropa, l-infrastrutturi ta' dan it-tip diġà jeżistu għall-innovazzjoni tan-negozju, iżda bħalissa ma jeżistux ekwivalenti għall-innovazzjoni soċjali. Jinħtieġu metodi ta' valutazzjoni aħjar sabiex jiġi identifikat x'jaħdem u x'ma jaħdimx, u għaliex, kif ukoll dak li jista' u għandu jittejjeb.

Sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet li qed jevolvu u l-aspettattivi ta' utenti tas-servizz pubbliku fuq sfond ta' awsterità fiskali, is-settur pubbliku jeħtieġ li jinnova aktar minn qatt qabel. Aktar u aktar gvernijiet qed jużaw aktar il-metodi ċċentrati fuq iċ-ċittadin għall-għoti ta' servizz. Ħafna nedew strateġiji e-governattivi mmirati biex iċaqilqu s-servizzi eżistenti onlajn, u lil hinn minn dak biex jiżviluppaw servizzi ġodda mħaddma bl-internet. Fil-livell tal-UE huwa importanti li niżviluppaw fehim aħjar tal-innovazzjoni tas-settur pubbliku, nagħtu viżibbiltà lill-inizjattivi b'suċċess, u nkejlu l-iżvilupp. Ħafna ser jiddependi fuq il-ħolqien ta' massa kritika ta' mexxejja tas-settur pubbliku li għandhom il-ħiliet biex imexxu l-innovazzjoni. Dan jista' jinkiseb permezz ta' aktar taħriġ sofistikat, kif ukoll opportunitajiet għal skambju tal-prattika tajba.

Il-bidla lejn ekonomija innovattiva għandha implikazzjonijiet kbar għad-dinja tax-xogħol. Min iħaddem jeħtieġ ħaddiema li b'mod attiv u kontinwu jfittxu modi ġodda u aħjar kif jagħmlu l-affarijiet. Dan jeħtieġ livelli mhux biss ta' ħiliet ogħla, iżda relazzjoni ġdida bbażata fuq il-fiduċja bejn min jimpjega u l-impjegat. Dan it-tip ta' approċċ huwa meħtieġ fil-livelli kollha tax-xogħol, u għandu jestendi lis-setturi li mhumiex ġeneralment meqjusa bħala "setturi tal-għarfien". Eżempju ewlieni huwa s-settur tal-kura, meta ħaddiema tas-sengħa, motivati u adattabbli huma meħtieġa biex jiġi provdut standard għoli ta' kura għall-għadd dejjem jikber ta' Ewropej anzjani.

**26.** Il-Kummissjoni se tniedi **programm pilota Ewropew dwar l-Innovazzjoni Soċjali** li ser jipprovdi għarfien espert u 'hub virtwali' fuq netwerk għall-intraprendituri soċjali u s-setturi pubbliċi u s-setturi terzi.

- Hija se tippromwovi l-innovazzjoni soċjali permezz tal-**Fond Soċjali Ewropew (FSE)** billi tibni fuq l-investimenti sinifikanti fl-innovazzjoni soċjali li għamel l-FSE matul dawn l-aħħar għaxar snin, tul iċ-ċiklu ta' innovazzjoni kollu. Dan se jiġi

kkumplimentat b'appoġġ għal esperimenti soċjali li għandhom jiġu żviluppati fil-qafas tal-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar.

- **L-innovazzjoni soċjali għandha issir il-fokus prinċipali fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi tal-Fond Soċjali Ewropew**. L-Istati Membri huma mħeġġa li jibdew diġà jagħmlu sforzi biex jippromwovu l-innovazzjoni soċjali permezz tal-FSE.

**27.** Sa mill-2011, il-Kummissjoni se tappoġġa programm ta' riċerka sostanzjali dwar is-**settur pubbliku u l-innovazzjoni soċjali**, li jħares lejn kwistjonijiet bħal kejl u evalwazzjoni, il-finanzjament u ostakoli oħra għat-tkabbir u l-iżvilupp. Bħala pass immedjat, il-Kummissjoni se tniedi proġett pilota msejjaħ **Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea dwar l-Innovazzjoni fis-Settur Pubbliku** bħala bażi ta' riċerka maġġuri biex jitkejjel is-settur l-innovazzjoni fis-settur pubbliku. Hija se tesplora mal-Istati Membri jekk ikunx xieraq li tiġbor l-esperjenzi ta' tagħlim ġdid u netwerks għall-mexxejja tas-settur pubbliku fil-livell Ewropew.

**28.** Il-Kummissjoni se **tikkonsulta l-imsieħba soċjali biex teżamina kif l-ekonomija tal-għarfien tista' tinfirex fil-livelli kollha tax-xogħol u s-setturi kollha**. Hija se titlob lill-imsieħba soċjali għall-proposti dwar kif tista' tiġi żviluppata strateġija settorjali fis-suq tax-xogħol għall-qasam tal-kura.

## 5. JINGĦAQDU L-ISFORZI BIEX JIĠU RREĠISTRATI S-SUĊĊESSI: PARTENARJATI TAL-INNOVAZZJONI EWROPEA

L-Ewropa qed tiffaċċja numru ta' sfidi soċjetali ewlenin bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ, l-effetti tal-bidla fil-klima, u d-disponibilità mnaqqsa ta' riżorsi. Għandhom iseħħu skoperti fit-trattamenti ġodda għal mard li jipperikola l-ħajja, fis-soluzzjonijiet ġodda biex itejbu l-ħajja tal-anzjani, fil-modi biex jitnaqqsu radikalment l-emissjonijiet tad-CO2 u sorsi oħra ta' tniġġis, b'mod partikolari fl-ibliet, fis-sorsi alternattivi ta' enerġija u sostituti għall-materji prima dejjem aktar skarsi, fit-tnaqqis u r-riċiklaġġ tal-iskart u biex jitneħħew il-miżbliet, fit-titjib fil-kwalità tal-provvista tal-ilma tagħna, fit-trasport intelliġenti b'anqas konġestjoni, fl-oġġetti tal-ikel tajbin għas-saħħa jew ta' kwalità għolja permezz ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, u teknoloġiji għat-trattament u t-taqsim ta' informazzjoni sikuri u rapidi, il-komunikazzjoni u l-interfaċċar.

L-iżvilupp b'suċċess ta' dawn l-iskoperti se jżid ukoll il-kompetittività tagħna, jgħin lill-kumpaniji Ewropej li jmexxu fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, biex jikbru u jassumu t-tmexxija globali fis-swieq ġodda ta' tkabbir, itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi u sabiex jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' numri kbar ta' impjiegi ġodda ta' kwalità.

Minħabba l-iskala u l-urġenza tal-isfidi soċjali u l-iskarsezza tar-riżorsi, l-Ewropa ma tistax taffordja iktar il-frammentazzjoni attwali tal-isforzi u l-pass kajman ta' tibdil. L-isforzi u l-kompetenza fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jinġabru u għandha tinkiseb il-massa kritika. Fl-istess waqt, irridu mill-bidu nqiegħdu fis-seħħ il-kundizzjonikundizzjonijiet li jippermettu li l-iskoperti isibu triqthom malajr lejn is-suq, biex b'hekk jinkisbu malajr il-benefiċċji għaċ-ċittadini u l-kisbiet tal-kompetittività.

*i) L-approċċ ġdid ta' Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropea*

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni fl-Istrateġija Ewropa 2020 ħabbret li se tniedi, bħala parti mill-inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, il-Partenarjati tal-Innovazzjoni

Ewropea. Dawn il-Partenarjati ser jittestjaw approċċ ġdid għall-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni.

L-ewwel, dawn se jkunu **xprunati mill-isfidi**, u jiffukaw fuq benefiċċji soċjali u l-modernizzazzjoni mgħaġġla tas-setturi u s-swieq assoċjati. Dan ifisser li dawn se jmorru lil hinn mill-enfasi teknoloġija ta' strumenti eżistenti, bħall-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs).

It-tieni nett, dawn se jaġixxu **madwar l-katina kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni**. Il-Partenarjati ser iġibu flimkien l-atturi rilevanti kollha fuq il-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali sabiex: (i) jiżdiedu l-isforzi ta' riċerka u żvilupp; (ii) jikkoordinaw l-investimenti fid-dimostrazzjonijiet u l-proġetti piloti; (iii) jantiċipaw u jgħaġġlu kull regolament meħtieġ u l-istandards, u (iv) jimmobilizzaw id-'domanda' b'mod partikolari permezz ta' akkwist pubbliku kkoordinat aħjar biex jiżgura li kwalunkwe skoperti jitpoġġew malajr fis-suq. Pjuttost milli jieħdu l-passi msemmija hawn fuq b'mod indipendenti, kif inhu l-każ bħalissa, l-għan tal-partenarjati tal-innovazzjoni se jkun li jfasslu u jimplimentawhom b'mod parallel biex jitnaqqas id-dewmien.

It-tielet nett, huma se **jikkonformaw, jissimplifikaw u jikkoordinaw aħjar l-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti** u jikkumplimentawhom ma' azzjonijiet ġodda fejn meħtieġ. Dan għandu jagħmilha eħfef għall-imsieħba biex jikkooperaw u jilħqu riżultati aħjar u aktar malajr meta mqabbel ma' dak li jeżisti diġà. Għalhekk, ser ikunu bbażati fuq għodod u azzjonijiet rilevanti u eżistenti u, fejn dan jagħmel sens (eż. għall-programmar konġunt, is-swieq ewlenin, skemi konġunti ta' akkwist prekummerċjali u kummerċjali, skrining regolatorju), jintegrawhom f'qafas politiku wieħed koerenti. Il-flessibilità hija importanti; mhux se jkun hemm qafas wieħed tajjeb għal kollox.

*ii) Il-Kundizzjonijiet għas-suċċess*

Il-Partenarjati għandhom jitniedu biss fl-oqsma - u jikkonsistu biss minn attivitajiet – fejn l-intervent tal-gvern huwa ġġustifikat b'mod ċar u fejn il-ġbir tal-isforzi tal-UE, nazzjonali u reġjonali fir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-miżuri tad-domanda ser jilħqu l-mira aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti.

L-għażla tal-partenarjati "xierqa" se tiddetermina l-biċċa l-kbira tas-suċċess tagħhom. Sabiex iwettqu il-wegħda tagħhom, il-kundizzjonikundizzjonijiet li ġejjin, li huma kollha interkonnessi, jeħtieġ li jiġu ssodisfati:

(1) <u>Fokus fuq sfida soċjali speċifika</u> li tkun maqsuma madwar l-UE, b'miri ċari, ambizzjużi u li jistgħu jitkejlu li jġibu benefiċċji importanti għaċ-ċittadini u s-soċjetà kollha kemm hi qabel l-2020, u fejn ikun hemm potenzjal kbir għal suq ġdid għan-negozji tal-UE.

(2) <u>Impenn b'saħħtu politiku u mill-partijiet interessati</u>: il-partenarjati se jkunu meħtieġa jimmobilizzaw il-partijiet interessati ewlenin kollha biex jappoġġaw għan definit sew li jrid jintlaħaq sal-2020, imsaħħaħ b'impenn b'saħħtu u kontinwu fuq perjodu itwal ta' żmien. Huma ser jipprovdu wkoll pjattaformi għal innovazzjoni miftuħa u impenn taċ-ċittadini, inkluż permezz tal-għoti ta' premjijiet għar-riċerka. Il-Kummissjoni nnifisha beħsiebha jkollha rwol ta' tmexxija għall-iżvilupp tas-sħubija.

(3) Il-valur miżjud ċar tal-UE: Azzjoni fil-livell tal-UE għandha tirriżulta f'żidiet fl-effiċjenza u l-impatt fuq skala kbira permezz ta' massa kritika (eż. is-simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni, ġbir kollettiv u użu aktar effiċjenti ta' riżorsi pubbliċi skarsi, jiġifieri permezz ta' allinjament ta' riċerka jew programmi ta' akkwist madwar l-Istati Membri; soluzzjonijiet għal kwalità aħjar, interoperabilità, u aktar iskjerament rapidu).

(4) Attenzjoni qawwija fuq ir-riżultati, l-eżiti u l-impatti:il-partenarjati għandhom ikunu orjentati lejn ir-riżultati u għalhekk m'għandhomx jinkludu kollox fl-iskop. L-isfidi soċjali għandhom jinqasmu f'"pakketti ta' ħidma" iżgħar li fuqhom il-gruppi differenti tal-partijiet interessati b'interessi konverġenti għandhom jiddefinixxu l-pjanijiet tagħhom stess ta' implimentazzjoni, jistabbilixxu x'jeħtieġ li jsir, minn min u sa meta. Il-miri, l-istadji importanti u r-riżultati għandhom jiġu definiti minn qabel u b'mod ċar.

(5) Appoġġ finanzjarju xieraq: filwaqt li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-partenarjati tal-innovazzjoni huwa li jiżgura li r-riżorsi finanzjarji skarsi jintużaw bl-iktar mod effettiv, filwaqt li tiġi evitata jevita d-dupplikazzjoni għalja, ma hemm l-ebda dubju li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali se jkunu meħtieġ biex ilaħħaq mad-daqs tal-isfida. Il-partijiet interessati kollha huma mistennija li jikkontribwixxu; il-Kummissjoni se tfittex li ittejjeb l-ingranaġġ tal-baġit tal-UE biex tgħolli aktar il-livell globali ta' finanzjament. Hija se tagħmel disponibbli l-fondi għat-tnedija tal-ewwel partenarjati skont il-perspettivi finanzjarji attwali u se tevalwa l-ħtiġijiet finanzjarji tal-partenarjati meta tipprepara l-proposti tagħha għall-perspettivi finanzjarji li jmiss.

*iii) Governanza u metodi ta' ħidma*

L-aħjar ideat jistgħu jfallu minħabba eżekuzzjoni fqira jew monitoraġġ dgħajjef. It-tħaddim ta' strutturi effettivi, sempliċi u flessibbli biżżejjed biex jitmexxa u jiġi ssorveljat il-progress, l-arbitrazzjoni bejn interessi diverġenti, u ir-rimedjar ta' kwalunkwe dewmien, se jkunu kruċjali għas-suċċess tal-partenarjati.

L-arranġamenti ta' governanza għandhom jibbilanċjaw il-ħtieġa għal impenn fuq livell għoli u l-koordinazzjoni funzjonali, b'responsabbiltajiet operattivi qawwija deċentralizzati biex jiżguraw kontroll effettiv mill-prattikanti u partijiet interessati ewlenin oħra. Is-sħubija jeħtieġ li tirrifletti l-approċċ integrat sabiex dawk il-partijiet interessati li jittrattaw ma' elementi differenti tal-kontinwu provvista-domanda huma rrappreżentati b'mod xieraq. Biex tirrifletti l-importanza ta' dawn il-kostitwenzi diversi, kull sħubija għandha titmexxa minn Bord ta' Tmexxija rappreżentattiv, magħmul minn numru limitat ta' rappreżentanti ta' livell għoli ta' Stati Membri (Ministri), membri tal-Parlament, mexxejja tal-industrija, riċerkaturi u partijiet interessati ewlenin oħra, li se jkollhom bżonn li jġibu impenn kbir biex jinkisbu l-għanijiet tas-sħubija. Il-Bord għandu jkun appoġġat minn gruppi ta' operazzjoni, magħmula minn esperti mis-settur privat u pubbliku, prattikanti u utenti, li jiddefinixxu u jimplimentaw il-kontenut tal-"pakketti ta' ħidma". Il-Bord se jkun presedut mill-Kummissarju(i) ewlieni/ewlenin u appoġġat/ minn segretarjat li l-Kummissjoni se tipprovdi. L-ewwel kompitu tiegħu għandu jkun li jħejji pjan strateġiku ta' ħidma multiannwali, li jkun fih miri konkreti, li jalloka r-responsabbiltajiet u jiddefinixxi l-miri għall-monitoraġġ tal-progress. Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Kunsill u l-Parlament, biex jiġi żgurat appoġġ politiku qawwi kemm għall-għanijiet u d-direzzjoni ta' kull sħubija kif ukoll biex jitħaffef it-twassil tal-qafas regolatorju meħtieġ.

*iv) L-identifikazzjoni tal-Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropea*

Bil-ħsieb li jintlaħaq l-objettiv tal-UE 2020 ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, il-Kummissjoni biħsiebha tniedi partenarjati tal-innovazzjoni fl-oqsma ewlenin li jindirizzaw sfidi soċjetali ewlenin, bħas-sigurtà tal-enerġija, it-trasport, il-bidla fil-klima u l-effiċjenza tar-riżorsi, is-saħħa u t-tixjiħ, metodi li jirrispettaw l-ambjent tal-produzzjoni u l-ġestjoni tal-art.

Eżempji ta' partenarjati possibbli jinkludu oqsma bħalma huma:

- It-trattament tal-isfida tal-bidla fil-klima u l-enerġija ġejja mill-bliet (li jikkunsmaw madwar 80% tal-enerġija fl-UE b'mod ġenerali u huma responsabbli għal madwar l-istess sehem tal-gassijiet serra) billi tinħoloq pjattaforma rappreżentattiva ta' partijiet interessati ewlenin u tingħata spinta lill-użu ta' ICT eżistenti u futur biex jiġi aċċellerat l-iskjerament ta' grids intelliġenti, sistemi ġodda għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, mobilità urbana aktar intelliġenti u nadifa, u żieda fl-effiċjenza enerġetika tal-bini;
- L-iżgurar ta' kwalità ogħla u l-effiċjenza fl-użu tal-provvista tagħna tal-ilma;
- L-iżgurar ta' katina tal-provvista sikura u l-ksib ta' ġestjoni effiċjenti u sostenibbli u l-użu ta' materji prima li ma jipprovdux l-enerġija matul il-katina sħiħa ta' valur;
- Tnaqqis ta' gassijiet serra mill-effiċjenza ta' emissjonijiet ogħla ta' trasport wkoll lil hinn mid-dimensjoni urbana, notevolment permezz ta' sistemi interoperabbli u intelliġenti ta' ġestjoni tat-traffiku għall-modi kollha tat-trasport, li jwasslu għall-progress fil-loġistika u l-bidliet fl-imġiba.
- Il-promozzjoni tal-kompetittività tal-UE fis-soċjetà diġitali permezz ta' aċċess aktar mgħaġġel għall-informazzjoni u modi ġodda ta' komunikazzjoni affidabbli, interfacing u taqsim ta' għarfien permessi notevolment mill-internet tal-ġejjieni.
- It-titjib fil-provvista tal-prodotti tal-ikel prodotti b'mod effiċjenti mil-lat ta' riżorsi, produttiv u b'emissjonijiet baxxi permezz ta' metodi mtejba agrikoli u tal-ipproċessar tal-ikel.
- It-titjib tal-kwalità tal-ħajja ta' popolazzjoni li qed tixjieħ pereżempju permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi ġodda, testijiet kliniċi, dijanjostiċi u trattamenti għall-mard relatat mal-età, l-iskjerament ta' soluzzjonijiet innovattivi ġodda bbażati fuq l-ICT u l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' prodotti ġodda, apparat u servizzi speċifikament addattati għall-anzjani.

Saret ħidma preparatorja dwar it-tnedija ta' partenarjati speċifiċi fit-tixjiħ attiv u b'saħħtu, l-effiċjenza tal-ilma, il-materji prima mhux għall-enerġija, il-mobilità intelliġenti, il-produttività agrikola u s-sostenibbiltà, u fuq bliet intelliġenti u abitabbli, b'dawn tal-aħħar jgħaqqdu flimkien l-effiċjenza fl-enerġija, it-trasport nadif u l-internet veloċi (ara Anness III).

Madankollu, il-Partenarjati tal-Innovazzjoni huma kunċett ġdid, li Kummissjoni tixtieq tittestja l-ewwel permezz ta' partenarjat pilota qabel ma tniedi sett ieħor ta' partenarjati. Tali proġett pilota għandu jgħin jivvalida l-valur miżjud tal-kunċett, ikejjel l-interess u l-impenn tal-partijiet interessati ewlenin, jipprovdi għarfien fl-aħjar mod kif tiżviluppa pakketti tax-xogħol u jiżgura governanza effettiva.

B'riflessjoni għall-importanza soċjali tiegħu, l-istat ta' tħejjija u r-rappreżentanza tal-kunċett ta' sħubija, il-Kummissjoni tipproponi li tniedi proġett pilota dwar it-tixjiħ attiv u b'saħħtu. L-għanijiet tiegħu għandu jkun, li sal-2020, jgħin liċ-ċittadini jgħixu ħajja itwal b'mod indipendenti u f'saħħa tajba billi jiżdied l-għadd medju ta' snin ta' ħajja fis-saħħa b'sentejn (2),

u, filwaqt li tinkiseb din il-mira, tittejjeb is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tas-sistemi soċjali u tal-kura tas-saħħa tagħna, u jinħoloq suq tal-UE u globali għall-prodotti u s-servizzi innovattivi b'opportunitajiet ġodda għan-negozju fl-UE. Aktar dettalji dwar il-Proġett Pilota propost ta' tixjiħ attiv u b'saħħtu jistgħu jinstabu fl-Anness III.

Is-sena 2011 se tkun "fażi ta' testjar" għall-approċċ tas-Sħubija. Sa tmiem l-2010, il-Kummissjoni se tiżviluppa sett robust ta' kriterji ta' għażla u proċess ta' għażla rigoruż u trasparenti għal partenarjati futuri. Dawn il-kriterji u dan il-proċess ta' għażla se jkunu operattivi minn Jannar 2011. Ibbażat fuq dan il-proċess, u l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, u konferma tal-prontezza tal-partenarjati potenzjali fl-oqsma bħall-enerġija, "bliet intelliġenti", provvista sostenibbli ta' materja prima, l-effiċjenza tal-ilma, il-mobilità intelliġenti u l-produttività u s-sostenibbiltà agrikola, il-Kummissjoni se tippreżenta l-proposti għal partenarjati li jkunu ssodisfaw il-kriterji tal-istituzzjonijiet l-oħra, matul l-2011, b'effett minn Frar, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, f'konformità mal-għan li tiġi żviluppata ekonomija effiċjenti fl-enerġija b'karbonju baxx, b'bażi industrijali b'saħħitha.

F'Ġunju 2011, il-Kummissjoni se tippreżenta Komunikazzjoni li tifformalizza l-proposti għal partenarjati u li tistabbilixxi f'aktar dettall l-arranġamenti ta' governanza, ta' finanzjament u ta' implimentazzjoni. Fl-aħħar tal-"fażi tat-testjar", jiġifieri qabel tmiem l-2011, il-Kummissjoni se tirrevedi u tevalwa l-effettività tal-approċċ ta' Sħubija, u tistabbilixxi jekk u kif biħsiebha tmexxih 'il quddiem, partikolarment fir-rigward l-appoġġ permezz tal-Programm ta' Qafas għar-Riċerka li jmiss.

**<u>Impenni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni:</u>**

**29. L-industrija, il-Kunsill, il-Parlament, l-Istati Membri, u partijiet interessati oħra huma mistiedna biex jappoġġaw l-kunċett ta' sħubija innovattiva u biex jindikaw l-impenji speċifiċi li se jimpenjaw ruħhom bihom biex jagħmlu l-kunċett jaħdem. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jiġbru flimkien l-isforzi u r-riżorsi biex jintlaħqu l-objettivi maħsuba tas-sħubija.**

**Il-Kummissjoni tilqa’ perspettivi u ideat dwar l-oqsma li qed jiġu kkunsidrati għal partenarjati futuri u kandidati oħra possibbli li jissodisfaw il-kriterji ta’ suċċess.**

**Bħala ewwel pass konkret, il-Kummissjoni ser tibda preparazzjonijiet biex tniedi sħubija pilota ta' tixjiħ attiv u b'saħħtu mill-bidu tal-2011. Wara li tqis il-fehmiet tal-Parlament u tal-Kunsill u l-input mill-partijiet interessati oħra, din se tippreżenta proposti għal aktar partenarjati matul l-2011.**

## 6. INTEJBU L-POLITIKI TAGĦNA ESTERNAMENT

Il-kompetizzjoni għall-għarfien u s-swieq qed issir dejjem aktar globali. Id-deċiżjonijiet tas-settur privat dwar fejn għandu jinvesti fir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-innovazzjoni qed jittieħdu fuq skala globali. L-Ewropa qed taqa’ lura f'din il-kompetizzjoni globali. L-azzjonijiet tal-Unjoni tal-Innovazzjoni deskritti hawn fuq huma mfassla biex ireġġgħu lura din ix-xejra u jagħmlu l-Ewropa aktar attraenti għall-kumpaniji u l-investituri.

Is-suċċess tal-Ewropa jiddependi fuq il-ħila tagħha li treġġa' lura l-għexieren ta' snin ta' "brain-drain" u li tiġbed it-talent ewlieni. L-universitajiet u l-istituti ta' riċerka Ewropej kull

sena jagħtu ħafna eluf ta' lawrji fix-xjenza u fl-inġinerija lil ċittadini barranin. Dawn in-nies għandhom jingħataw l-għażla li jibqgħu fl-Ewropa, billi jisfruttaw il-possibilitajiet skont il-Pakkett tal-Viża Xjentifika[27] u l-iskema tal-Karta Blu. Lil hinn mid-drittijiet legali meħtieġa, dawn għandhom ikunu konvinti li l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka Ewropej u l-clusters ta' innovazzjoni madwarhom huma postijiet ta' eċċellenza globali, u li kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol huma attraenti.

Biex l-Ewropa tkun ta' suċċess f'din l-ispinta globali għall-eċċellenza, għandha tapprofondixxi aktar il-kooperazzjoni internazzjonali xjentifika u teknoloġika tagħha. Il-programmi ta' riċerka tal-UE huma diġà fost l-aktar miftuħa fid-dinja. Is-swieq Ewropej huma wkoll l-aktar miftuħa fid-dinja, u jagħtu lill-investituri aċċess għal suq intern integrat u kompetittiv ta' 500 miljun klijent bbażat fuq regoli ċari, prevedibbli u ġusti.

Dan il-ftuħ għandu jkun reċiprokat permezz tal-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija tagħna mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali għandha timxi id f'id ma' approċċ integrat biex jinġiebu r-riżultati ta' proġetti komuni tar-Riċerka u l-Iżvilupp jew proġetti ta' innovazzjoni fis-suq. Dan ifisser, b'mod partikolari, li jiġu offruti protezzjoni ekwivalenti tal-IPRs, aċċess miftuħ għal standards interoperabbli, akkwist pubbliku mhux diskriminatorji, u it-tneħħija ta' ostakoli oħra mhux fiżiċi għall-kummerċ, skont ir-rekwiżiti internazzjonali.

L-Ewropa għandha taġixxi bħala entità waħda sabiex jintlaħqu tali kundizzjonijiet ekwi dinjin għar-riċerka u l-innovazzjoni. Bħalissa, l-Istati Membri, ir-reġjuni jew saħansitra l-awtoritajiet lokali tagħna jidhru li qed jikkompetu ma' xulxin dwar il-ftehimiet xjentifiċi ta' koperazzjoni, l-attivitajiet u l-uffiċċji f’ekonomiji oħra. Dan iwassal għal tixrid u l-frammentazzjoni tal-isforzi. Dan iservi wkoll biex jiddgħajjef il-vantaġġ tal-Ewropa fin-negozjar għall-aċċess għas-suq mal-imsieħba prinċipali tagħna madwar id-dinja fuq kundizzjonijiet ekwi. Il-progress reċenti li sar mal-qafas Ewropew għall-kooperazzjoni internazzjonali S&T u l-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Internazzjonali għandu għalhekk jiġi aċċellerat.

Fl-aħħarnett, ħafna jekk mhux l-isfidi kollha tas-soċjetà li fuqhom ir-riċerka u l-isforzi għandhom jiffukaw l-innovazzjoni huma wkoll globali. Biex jingħelbu ħafna dawn l-isfidi jinħtieġ il-qsim tal-isforzi fid-dinja kollha. [28] B'mod partikolari, l-infrastrutturi tar-riċerka kbar ħafna jeħtieġu investimenti kbar li jistgħu jiġu diskussi biss permezz ta' kooperazzjoni globali.

**<u>Impenni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni</u>**

**30.** Sal-2012, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom idaħħlu fis-seħħ politiki integrati biex **jiżguraw li akkademiċi, ir-riċerkaturi u l-innovaturi ewlenin jgħixu u jaħdmu fl-Ewropa u li tattira numru suffiċjenti ta' ċittadini bi kwalifiki għoljin ta' pajjiżi terzi li jibqgħu fl-Ewropa.**

**31.** **L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom jittrattaw il-koperazzjoni xjentifika ma' pajjiżi terzi bħala kwistjoni ta' tħassib komuni u jiżviluppaw approċċi komuni. Dan għandu jikkontribwixxi għal approċċi globali u soluzzjonijiet għall-isfidi soċjali u għall-istabbiliment ta' ambjent ekwu** (jitneħħew l-ostakli għall-aċċess tas-suq, li jiffaċilita l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni IPR, l-aċċess għal kuntratti, eċċ.). Fl-2012 flimkien mal-Qafas ERA, il-

27 Id-Direttiva tal-Kunsill ĠU. L289/15 tat-3/11/2005 (2005/71/KE, inkluża ir-Rakkomandazzjoni tal-KE dwar visas ta' medda qasira ta' żmien għar-riċerkaturi)

28 F'dan il-kuntest, ir-rwol tal-politika tal-iżvilupp tal-UE huwa importanti.

Kummissjoni se tipproponi prijoritajiet komuni għall-UE/l-Istati Membri fl-S&T bħala bażi għall-pożizzjonijiet koordinati jew inizjattivi konġunti viżavì pajjiżi terzi, billi tibni fuq il-ħidma tal-Forum Strateġiku għall-Koperazzjoni Internazzjonali. Sadanittant, l-UE u l-Istati Membri għandhom jaġixxu b'mod miftiehem meta jkunu involuti fl-S&T u fl-attivitajiet ma' pajjiżi terzi L-ambitu potenzjal għal ftehimiet "umbrella" bejn l-UE u l-Istati Membri ma' pajjiżi terzi se jiġu esplorati.

**32.** L-Unjoni Ewropea għandha ttejjeb il-kooperazzjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-infrastrutturi globali ta' riċerka. Sal-2012, **għandu jintlaħaq ftehim mal-imsieħba internazzjonali dwar l-iżvilupp tal-infrastrutturi ta' riċerka, inklużi infrastrutturi tal-ICT, li minħabba l-ispiża, il-kumplessità u/jew ir-rekwiżiti ta' interoperabilità jistgħu jiġu żviluppata biss fuq skala globali**.

## 7. Kif dan iseħħ

It-trasformazzjoni tal-UE f'Unjoni tal-Innovazzjoni ġenwina jirrikjedi sforz kontiwu, kooperazzjoni mill-qrib u implimentazzjoni effettiva fil-livelli kollha (UE, nazzjonali, reġjonali) fuq numru konsiderevoli ta 'snin. L-irwoli u r-responsabbiltajiet ta' kull attur fl-Unjoni tal-Innovazzjoni għandhom għalhekk jiġu definiti b'mod ċar u għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi b'saħħithom ta' monitoraġġ biex jiġi evitat li naqgħu lura.

### 7.1. Ir-riforma tar-riċerka u tas-sistemi ta' innovazzjoni

Filwaqt li azzjoni fil-livell tal-UE hija importanti, il-kwalità tar-riċerka nazzjonali u s-sistemi ta' innovazzjoni - u l-interazzjoni tagħhom bejniethom u mal-livell tal-UE - tibqa' kruċjali għall-promozzjoni tan-negozju u l-kapaċità taċ-ċittadini u r-rieda għall-investiment. Huma meħtieġa riformi sinifikanti mal-politiki nazzjonali u reġjonali.

Sabiex tgħin lill-Istati Membri ifasslu dawn ir-riformi fil-kuntest tal-limiti baġitarji stretti, il-Kummissjoni laqqgħet flimkien l-evidenza disponibbli u identifikat sett ta' karatteristiċi ta' politika li tipikament jinstabu f'istemi li għandhom prestazzjoni tajba ħafna. Dawn huma ppreżentati fl-Anness I. Ħafna minn dawn il-karatteristiċi huma diġà riflessi fl-impenji ta' politika proposti f'din il-Komunikazzjoni. L-Istati Membri huma mistiedna li jużaw il-karatteristiċi tal-politika identifikati biex iwettqu "awtoevalwazzjoni" komprensiva tas-sistemi tar-riċerka u ta' innovazzjoni tagħhom u sussegwentement jiddefinixxu r-riformi ewlenin fil-Programmi tagħhom ta' Riforma Nazzjonali Ewropa 2020, li jridu jwettqu sa' April 2011. Dawn il-karatteristiċi ta' politika jistgħu wkoll ikunu rilevanti għall-pajjiżi kandidati u għall-pajjiżi kandidati potenzjali.

Il-Kummissjoni se tuża karatteristiċi tal-politika identifikati bħala l-bażi għall-appoġġ ta' skambji oħra tal-aħjar prattika fost l-Istati Membri u għat-titjib tal-għodod tal-politika għar-rappurtaġġ (eż. Trendchart u ERA-WATCH). Hija wkoll lesta li tappoġġa reviżjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jinvolvu kompetenza internazzjonali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tfittex relazzjoni strateġika ġdida mal-OECD.

Il-Kummissjoni tqis li l-Kunsill (tal-Kompetittività) jista' jkollu rwol ġdid fil-monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri fir-riformi ta' innovazzjoni tagħhom bħala parti mill-koordinazzjoni ekonomika globali skont l-Istrateġija Ewropa 2020 ('semestru Ewropew').

**33. L-Istati Membri huma mistiedna biex iwettqu awtoevalwazzjonijiet bbażati fuq il- karatteristiċi ta' politika identifikati fl-Anness 1 u jidentifikaw l-isfidi ewlenin u r-riformi kritiċi bħala parti mill-Programmi Nazzjonali ta' Riforma**. Il-Kummissjoni se tappoġġa dan il-proċess permezz ta' skambji tal-aħjar prattika, reviżjonijiet tal-pari u l-iżvilupp tal-bażi ta' evidenza. Din għandha tapplikahom wkoll għar-riċerka u l-inizjattivi tal-innovazzjoni tagħha stess. Il-progress ser jiġi mmonitorjat fil-qafas tal-koordinazzjoni ekonomika integrata ('semestru Ewropew').

## 7.2. Il-kejl tal-progress

Il-Progress lejn l-Unjoni tal-Innovazzjoni għandha titkejjel fil-livell tal-Kunsill Ewropew permezz ta' żewġ indikaturi ewlenin: L-investiment fil-mira tar-Riċerka u l-Iżvilupp u indikatur ġdid għall-Innovazzjoni, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew.[29]

Biex jassisti lill-Kummissjoni tirrispondi għat-talba tal-Kunsill Ewropew, il-bord ta' Livell Għoli tal-innovaturi u ekonomisti kummerċjali ewlenin twaqqaf biex jiġu identifikati indikaturi possibbli li l-aħjar jirriflettu l-intensità tar-Riċerka u l-Iżvilupp u tal-innovazzjoni waqt li tiġi evitata d-dupplikazzjoni mal-mira ta' investiment ta' 3 % fir-Riċerka u l-Iżvilupp li tiffoka fuq r-riżultati u l-impatti u tigura l-komparabbiltà internazzjonali.

Il-Bord ikkonkluda[30] li hemm bżonn urġenti biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-dejta u l-wisa' u l-kwalità tal-indikaturi li jkejlu u jissorveljaw il-prestazzjoni tal-innovazzjoni, li jvarjaw mill-innovazzjoni teknoloġika għal forom oħra ta' innovazzjoni (eż. l-innovazzjoni tas-settur pubbliku). Hija esplorat żewġ għażliet: lista ta' tliet indikaturi disponibbli minnufih (ibbażati fuq applikazzjonijiet għall-privattivi, il-kontribut ta' prodotti ta' teknoloġija għolja medja u teknoloġija għolja għall-bilanċ kummerċjali, u l-impjiegi fl-attivitajiet ta' għarfien intensiv) u indikatur wieħed (li jirrifletti l-iżvilupp b'suċċess u d-dinamiżmu ta' attivitajiet intraprenditorjali innovattivi). Filwaqt li d-dejta tad-demografija tan-negozju hija, fil-prinċipju, disponibbli, l-iżvilupp tat-tali indikatur biex jitkejjel is-sehem fl-ekonomija tal-kumpaniji innovattivi li qed jikbru b'rata mgħaġġla, ikun teħtieġ aktar ħidma, li jista jieħu sa sentejn.

Wara li studjat il-konklużjonijiet tal-Bord, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi l-indikatur uniku, definit bħala kumpaniji innovattivi li jikbru malajr, li jwieġeb l-aħjar għat-talba tal-Kunsill Ewropew, għalkemm l-iżvilupp tiegħu se jeħtieġ madwar sentejn. Dan l-indikatur jipprovdi għadd tajjeb tad-dinamiżmu tal-ekonomija; jaqbad parti importanti mill-ekonomija tagħna minn fejn se jinħtieġu li jiġu t-tkabbir u l-impjiegi; huwa orjentat lejn il-produzzjoni u jirrifletti l-impatt tal-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni, li dawk jfasslu l-politika kemm fuq livell Ewropew kif ukoll dak nazzjonali jistgħu jinfluwenzaw. Huwa jiffoka wkoll fuq lakuna kritika li l-UE teħtieġ li tagħlaq jekk trid tlaħħaq mal-mexxejja tal-innovazzjoni madwar id-dinja.

Il-Kummissjoni hija konvinta wkoll li, minħabba li l-innovazzjoni hija fenomenu multidimensjonali, il-monitoraġġ sħiħ tal-progress jeħtieġ sett usa' ta' indikaturi. B'tiswir fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea, il-Kummissjoni għalhekk żviluppat Tabella ta' Valutazzjoni tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Unjoni li tipprovdi punt referzjarju komparattiv tal-prestazzjoni tal-UE u u tal-Istati Membri kontra sett wiesa' ta' indikaturi,

[29] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25/26 ta' Marzu 2010 (EUCO 7/10).
[30] http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/geoghegan-quinn/hlp/index_en.htm

inklużi dawk identifikati mill-Bord ta' Livell Għoli. Il-lista ta' indikaturi hija elenkata fl-Anness II. Filwaqt li jagħmel użu mill-aħjar sorsi ta' statistika disponibbli, aktar ħidma hija meħtieġa biex tiżviluppa indikaturi dwar aspetti bħall-innovazzjoni mhux teknoloġika, id-disinn, l-innovazzjoni tas-servizz, u l-prestazzjoni fuq livell reġjonali.

**34. Il-Kummissjoni tipproponi t-tnedija tal-ħidma neċessarja għall-iżvilupp ta' indikatur ġdid li jkejjel sehem il-kumpaniji innovattivi li qed jikbru malajr fl-ekonomija.** Dan ikun jirrikjedi l-kooperazzjoni sħiħa tal-Istati Membri u l-imsieħba internazzjonali. Suġġetta għal dawn l-impenji, il-Kummissjoni se tissottometti l-proposti neċessarji u se tieħu azzjoni urġenti ħalli tiżviluppa dan l-indikatur fis-sentejn li ġejjin, b'ħidma flimkien mal-OECD, kif jixraq, biex dan maż-żmiem isir indikatur ewlieni ġdid li, bħala parti mill-istrateġija UE 2020, jippermetti li l-prestazzjoni tal-UE tiġi referenzjata viżavì l-imsieħba kummerċjali ewlenin tagħha.

- B'bidu minnufih, **il-Kummissjoni se tissorvelja l-progress kumplessiv fil-prestazzjoni innovattiva bl-użu ta' tabella tal-valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni u r-Riċerka (ara l-Anness II).**

### 7.3. Impenn minn kulħadd biex l-Unjoni tal-Innovazzjoni ssir realtà

L-isforz kollettiv tal-Istituzzjonijiet tal-UE u partijiet interessati oħra se jkun ta' importanza ewlenija biex l-Unjoni tal-Innovazzjoni tirnexxi.

<u>Il-Kunsill Ewropew</u> għandu jipprovdi direzzjoni u impetu politiku bħala parti mill-Istrateġija Ewropa 2020.

<u>Il-Kunsill</u> għandu jkollu rwol ewlieni fl-adozzjoni tal-miżuri neċessarji biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-qafas tal-UE. Wara t-tnedija tal-Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropea, dan għandu jiżgura li jkun hemm fis-seħħ il-kundizzjonijiet li jwasslu għar-riżultati. Il-Kummissjoni tissuġerixxi li l-Kunsill għandu jiltaqa' darba kull semestru bħala l-"Kunsill tal-Innovazzjoni", biex jiġbor fi ħdanu l-ministri relevanti - biex janalizza l-progress u jidentifika l-oqsma fejn jaf ikun meħtieġ impetu ġdid.

<u>Il-Parlament Ewropew</u> huwa mistieden jagħti prijorità lill-proposti u l-inizjattivi tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, inkluż l-identifikazzjoni u s-suċċess tal-Parternarjati tal-Innovazzjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tixtieq li l-Parlament, darba fis-sena, jorganizza dibattitu politiku ewlieni dwar il-progress mar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali u l-partijiet interessati, biex jiġu identifikati l-messaġġi ewlenin u ħalli l-Unjoni tal-Innovazzjoni tibqa' prominenti fl-aġenda politika.

Il-<u>Kummissjoni Ewropea</u> se tiżviluppa ġabra ta' inizjattivi stipulati fl-Unjoni tal-Innovazzjoni. Hi se tassisti lill-Istati Membri bir-riforma tas-sistemi tagħhom u se tieħu inizjattivi biex tħeġġeġ l-iskambju ta' prattiki tajba fil-livelli kollha. Il-Kummissjoni se tespandi l-mandat tal-Bord taż-Żona tar-Riċerka Ewropea (BŻRE) u se tinkludi mexxejja prominenti mid-dinjiet tan-negozju u tal-finanzi flimkien ma riċerkaturi u innovaturi żgħażagħ, biex jivvalutaw l-Unjoni tal-Innovazzjoni fuq bażi kontinwa, jirriflettu fuq ix-xejriet il-ġodda, u jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar prijoritajiet u azzjonijiet. Il-Kummissjoni se tissorvelja l-progress b'mod sistematiku u ta' kull sena se tirrapporta dwar il-progress miksub. Fejn jixraq, se tuża l-prerogattivi tagħha skont it-Trattat biex tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi f'dan il-qasam għal kull pajjiż rispettiv biex tassisti lill-Istati Membri fil-proċess tar-riforma tagħhom.

L-Istati Membri (u r-reġjuni tagħhom) għandhom jiżguraw li l-istrutturi neċessarji ta' regolarizzazzjoni jitqiegħdu fis-seħħ fejn dan għadu mhux il-każ. Dawn għandhom iwettqu awtovalutazzjonijiet dettaljati, u jfittxu metodi kif jirriformaw is-sistemi tagħhom ħalli jħeġġu l-eċċellenza, irawmu kooperazzjoni aktar mill-qrib u jsegwu speċjalizzazzjoni intelliġenti mill-perspettiva tal-UE. Huma għandhom janalizzaw il-programmi operattivi tagħhom kofinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod konformi mal-prijoritajiet iffissati skont Ewropa 2020, u jfittxu li jallokaw riżorsi addizzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Programmi ta' Riforma Nazzjonali, li jridu jsiru sa April 2011, għandhom jidentifikaw x'passi speċifiċi se jieħdu, sa meta u jekk hemm xi spejjeż involuti kif se jiġu mifdija. Il-Kumitat taż-Żona tar-Riċerka Ewropea (KŻRE) il-ġdid għandu jieħu r-responsabbiltà li jrawwam il-progress mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, billi jiżgura l-parteċipazzjoni neċessarja tal-ministeri tal-industrija u l-koordinazzjoni mal-Grupp Politiku dwar l-Intrapriżi.

Il-partijiet interessati - in-negozji, l-awtoritajiet lokali, l-imsieħba soċjali, il-fondazzjonijiet, l-NGOs - huma mistiedna li jappoġġaw l-Unjoni tal-Innovazzjoni. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni huma mistiedna jaħdmu mal-organizzazzjonijiet u l-entitajiet li jirrappreżentaw biex jimmobilizzaw l-appoġġ, iħeġġu l-inizjattivi u jgħinu fit-tixrid tal-aqwa prassi.

Il-Kummissjoni se tiffaċilita d-dibattitu u l-iskambji tal-ideat u l-aqwa prassi permezz ta' skambji onlajn u netwerking soċjali li jiffoka fuq l-Unjoni tal-Innovazzjoni.

Biex tkompli tħeġġeġ dan il-proċess ta' bidla u tippromwovi mentalità innovattiva, il-Kummissjoni se tlaqqa' Konvenzjoni tal-Innovazzjoni annwali biex tiddiskuti l-istat tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, b'mod konġunt mad-dibattitu propost fil-Parlament Ewropew. Din għandha tinvolvi Ministri, Membri tal-Parlament Ewropew, mexxejja tan-negozju, deans tal-universitajiet u ċ-ċentri tar-riċerka, bankiera u kapitalisti ta' riskju, riċerkaturi ewlenin, innovaturi u, fl-aħħar imma mhux l-anqas, ċittadini tal-Ewropa.

# ANNESS I Għodda għall-awtovalutazzjoni: Fatturi ta' sistemi tal-innovazzjoni u r-riċerka nazzjonali u reġjonali li jiffunzjonaw sew

**1. Il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni titqies bħala strument politiku ewlieni li jħeġġeġ il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi, li jindirizza sfidi soċjetali ewlenin u li jtejjeb il-kwalità tal-għajxien u huwa kkomunikat b'dan il-mod lill-pubbliku**

– L-attenzjoni tal-pubbliku fil-livelli kollha u fl-oqsma politiċi ferm rilevanti inklużi l-edukazzjoni u l-ħiliet, il-funzjonament tas-swieq tal-prodotti u s-servizzi, is-swieq finanzjarji, is-swieq tax-xogħol, l-intraprenditorija u l-ambjent tan-negozju, il-politika industrijali, l-ippjanar spazjali/ta' koeżjoni, l-infrastruttura/l-ICT kif ukoll it-tassazzjoni, hija mfassla u implimentata f'qafas strateġiku, koerenti u integrat ippreparat biex irawwem l-innovazzjoni u jsaħħaħ il-bażi tal-għarfien u r-riċerka fundamentali.

– Fejn il-politiki u l-finanzjament huma ffukati fuq prijoritajiet speċifiċi, dawn qegħdin kull ma jmur ikunu orjentati lejn l-indirizzar ta' sfidi soċjetali ewlenin, bħall-effiċjenza tar-riżorsi, il-bidla fil-klima, u s-saħħa u t-tixjiħ, u lejn il-kisba ta' vantaġġ kompetittiv mis-sejba tas-soluzzjonijiet li jindirizzawhom.

**2. It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni huma direzzjonati fl-ogħla livell politiku u huma msejsa fuq strateġija multiannwali. Il-politiki u l-istrumenti huma mmirati biex jisfruttaw il-punti nazzjonali/reġjonali b'saħħithom attwali jew emerġenti f'kuntest tal-UE ("speċjalizzazzjoni intelliġenti")**

– Struttura effettiva, stabbli u politikament ċentrali, li tipikament tiġi direzzjonata fl-iktar livell politiku għoli, tiddefinixxi l-orjentazzjonijiet politiċi ġenerali dwar il-bażi multiannwali u tiżgura implimentazzjoni appoġġata u kkoordinata kif jixraq. L-istruttura hija appoġġata minn netwerks li jinvolvu lill-partijiet interessati kollha, bħall-industrija, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, il-parlamenti u ċ-ċittadini, biex b'hekk titħeġġeġ kultura ta' innovazzjoni u tissawwar kunfidenza reċiproka bejn ix-xjenza u s-soċjetà.

– Strateġija multiannwali tiddefinixxi għadd limitat ta' prijoritajiet, preċeduti minn analiżi internazzjonali tal-punti b'saħħithom u dgħajfa fil-livell nazzjonali u reġjonali u tal-opportunitajiet emerġenti ('speċjalizzazzjoni intelliġenti') u l-iżviluppi tas-suq, u tipprovdi politika prevedibbli u qafas baġitarju. L-istrateġija tirrifletti kif jixraq il-prijoritajiet tal-UE, tevita d-duplikazzjoni bla ħtieġa u l-frammentazzjoni tal-isforzi, u attivament tfittex li tisfrutta l-opportunitajiet għal programmar konġunt, kooperazzjoni bejn Stat Membru u ieħor u sfruttament tal-effetti ta' influwenza tal-istrumenti tal-UE. Il-kooperazzjoni bilaterali mal-pajjiżi li mhumiex fl-UE hija msejsa fuq strateġija ċara u, fejn ikun possibbli, hija kkoordinata mal-Istati Membri l-oħra tal-UE.

– Sistema effettiva ta’ monitoraġġ u analiżi tinsab fis-seħħ, u tuża bis-sħiħ l-indikaturi tar-riżultati, il-punti referenzjarji internazzjonali u l-istrumenti tal-valutazzjoni *ex-post*.

**3. Il-politika tal-innovazzjoni hija segwita f'sens wisa' 'l hinn mir-riċerka teknoloġika u l-applikazzjonijiet tagħha**

– Kunċett wisa’ tal-innovazzjoni - inkluża l-innovazzjoni fis-servizzi, it-titjib fil-proċessi u l-bidla organizzattiva, il-mudelli tan-negozju, it-tqegħid fis-suq, il-branding u d-disinn - huwa mħeġġeġ attivament, fost oħrajn permezz ta’ aktar ħidma interdixxiplinarja li tinvolvi gruppi ta’ utenti jew konsumaturi bħala kostitwenti importanti tal-innovazzjoni aperta.

– Il-politiki mil-lati tal-forniment u tad-domanda huma żviluppati b’mod konsistenti, filwaqt li jibnu fuq u jżidu l-kapaċità assorbattiva tas-Suq Uniku.

**4. Hemm investiment pubbliku prevedibbli u adegwat fir-riċerka u l-innovazzjoni ffukat b’mod partikolari fuq l-istimolu tal-investiment privat**

– Huwa fatt magħruf li l-finanzjament pubbliku jassumi rwol importanti fil-forniment ta’ infrastruttura tal-għarfien ta’ kwalità għolja u bħala inċentiv għaż-żamma tal-eċċellenza fl-edukazzjoni u r-riċerka inkluż l-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka ta’ livell dinji, fit-tiswir tal-kapaċità reġjonali fl-S&T u fl-appoġġ għall-attività innovattiva speċjalment tul perjodi ta' riċessjonijiet ekonomiċi. Minħabba f’hekk, l-investimenti pubbliċi fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma prijoritizzati u bbaġitjati fil-qafas tal-pjanijiet multiannwali biex jiżguraw il-prevedibbiltà u l-impatt fit-tul taż-żmien, filwaqt li meta jkun xieraq jiġu assistiti mill-Fondi Strutturali.

– Il-finanzjament pubbliku għandu l-għan li jinfluwenza investimenti akbar fis-settur privat. Soluzzjoni innovattivi ta’ finanzjament (eż. partenarjati pubbliċi-privati) u l-użu ta' inċentivi fiskali qed jiġu mistħarrġa u adottati. Ir-riformi huma implimentati biex jirriflettu l-kundizzjonijiet li qed jinbidlu u jiżguraw riżultati ottimali fuq l-investimenti.

**5. L-eċċellenza hija kriterju ewlieni għall-politika tar-riċerka u l-edukazzjoni**

– Il-finanzjament tar-riċerka qiegħed kull ma jmur jiġi dejjem iktar allokat fuq bażi kompetittiva u l-bilanċ bejn l-finanzjament tar-riċerka istituzzjonali u abbażi tal-proġetti huwa razzjonalizzat b'mod ċar. L-istituti huma valutati abbażi ta' kriterji rikonoxxuti internazzjonalment u l-proġetti jintgħażlu abbażi tal-kwalità tal-proposti u r-riżultati mistennija, suġġetti għal analiżi tal-pari esterna. Il-finanzjament tar-riċerka huwa portabbli minn pajjiż għal ieħor u minn istitut għal ieħor. Ir-riżultati tar-riċerka ffinanzjata pubblikament huma protetti u ppubblikati b’tali mod li jħeġġeġ biex dawn jiġu sfruttati.

– L-istituti tal-edukazzjoni għolja u tar-riċerka jgawdu l-awtonomija meħtieġa biex jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom f'oqsma bħall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, japplikaw metodi aperti ta' reklutaġġ u jutilizzaw għejun alternattivi ta’ fondi bħall-filantropija.

– L-iqfsa legali, finanzjarji u soċjali tal-karrieri fir-riċerka, inklużi l-istudji dottorali, joffru kundizzjonijiet attraenti biżżejjed kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa meta mqabbla mal-istandards internazzjonali, speċjalment dawk fl-Istati Uniti. Dan jinkludi kundizzjonijiet favorevoli għar-rikonċiljament tal-ħajja privata ma' dik professjonali u għall-iżvilupp professjonali u t-taħriġ. Hemm inċentivi fis-seħħ li jiġbdu lejhom talent internazzjonali prominenti.

**6. Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jipprovdu taħlita tajba ta' ħiliet**

– Hemm politiki u inċentivi fis-seħħ li jiżguraw forniment suffiċjenti ta' (post)lawrejati fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika u taħlita xierqa ta' ħiliet fost il-popolazzjoni (inkluż permezz ta’ sistemi vokazzjonali, edukattivi u tat-taħriġ b'saħħithom) fil-medda ta' żmien medja sa twila.

– Il-kurrikuli fl-edukazzjoni u t-taħriġ jikkonċentraw fuq l-abbiltà li jagħtu lil dawk involuti l-kapaċità li jitgħallmu u li jiżviluppaw kompetenzi trażversali bħall-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi, il-kreattività, ix-xogħol f'tim, u l-ħiliet interkulturali u komunikattivi. Tingħata attenzjoni speċjali li tindirizza l-lakuni fil-ħiliet innovattivi. L-edukazzjoni u t-taħriġ intraprenditorjali huma disponibbli sew jew inklużi fil-kurrikuli. Il-partenarjati bejn l-edukazzjoni formali u setturi oħra huma mħeġġa attivament għal dak il-għan.

**7. Il-partenarjati bejn l-istituti tal-edukazzjoni għolja, iċ-ċentri tar-riċerka u n-negozji, fil-livell reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, huma mħeġġa attivament**

– Fejn possibbli, l-isforzi tar-riċerka huma akkumpanjati minn strumenti li jappoġġaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-ideat innovattivi. Hemm fis-seħħ politiki u strumenti bħal clusters tal-innovazzjoni/l-għarfien, pjattaformi tat-trasferiment tal-għarfien, u sistemi ta’ vawċers li l-għan tagħhom huwa li jħeġġu l-kooperazzjoni u l-qsim tal-għarfien, filwaqt li joħolqu ambjent tan-negozju aktar favorevoli għall-SMEs.

– Ir-riċerkaturi u l-innovaturi jistgħu jiċċaqilqu faċilment bejn istituti pubbliċi u privati. Hemm regoli ċari dwar s-sjieda tal-jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u hemm fis-seħħ sistemi ta' qsim u appoġġ biex jiffaċilitaw it-trasferiment tal-għarfien u l-ħolqien ta’ użi prattiċi tar-riċerka universitarja u biex jiġbdu kapital (ta' riskju) u investituri informali affluwenti (business angels).

– M’hemm l-ebda xkiel għat-twaqqif u l-operazzjoni ta' partenarjati u kollaborazzjonijiet transnazzjonali.

**8. Il-kundizzjonijiet ta’ qafas iħeġġu investiment kummerċjali fir-Riċerka u l-Iżvilupp, l-intraprenditorija u l-innovazzjoni**

– Il-politiki li jħeġġu l-innovazzjoni u l-intraprenditorija u li jgħollu l-kwalità tal-ambjent tan-negozju huma marbuta intimament ma' xulxin.

– Hemm fis-seħħ kundizzjonijiet favorevoli li jrawmu suq tal-kapital ta' riskju robust u li jkun qed jikber, speċjalment fil-każ ta' investimenti fi stadju bikri.

– B'konsistenza mal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa[31], ir-regoli għat-twaqqif u t-tmexxija ta' negozju huma sempliċi u tfasslu mill-perspettiva tal-SMEs. Il-qafas legali huwa trasparenti u aġġornat. Ir-regoli jiġu infurzati sew. Is-swieq huma dinamiċi u kompetittivi. Ir-rieda li jittieħdu r-riskji hija mħeġġa. Ir-regoli dwar l-insolvenza jappoġġaw r-riorganizzazzjoni finanzjarja ta' intrapriżi. M'hemmx diskrimanzzjoni kontra l-intraprendituri li jkunu fallew l-ewwel darba.

– Hemm fis-seħħ sistema effiċjenti, affordabbli u effettiva għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, li trawwem l-innovazzjoni u tippriżerva l-inċentivi tal-investiment. Is-suq tal-prodotti u s-servizzi innovatti jinżamm dejjem aġġornat permezz ta' sistema effiċjenti ta' ffissar tal-istandards.

## 9. L-appoġġ pubbliku għar-riċerka u l-innovazzjoni fin-negozji huwa sempliċi, faċli li wieħed jaċċessah, u ta' kwalità tajba

– Hemm numru limitat ta' skemi ta' appoġġ b'mira u differenzjazzjoni ċari, u b'aċċess faċli, b'mod konsistenti mal-appoġġ disponibbli fil-livell tal-UE u li jindirizzaw fallimenti tas-suq indentifikati sew fil-forniment ta' fondi privati għall-innovazzjoni.

– L-appoġġ għall-fondi huwa mfassal għall-ħtiġijiet tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs. L-enfasi qiegħda fuq ir-riżultati aktar milli fuq l-inputs u l-kontrolli. Il-burokrazija tinżamm f'minimu, il-kriterji tal-għażla huma sempliċi u l-perjodi ta' żmien biex jingħataw il-kuntratti u jsiru l-ħlasijiet qosra kemm jista' jkun. L-iskemi ta' finanzjament jiġu valutati regolarment u referenzjati viżavì skemi komparabbli f'pajjiżi oħra.

– Il-finanzjament nazzjonali huwa allokat permezz ta' proċeduri valutattivi internazzjonali u jħeġġeġ il-kooperazzjoni transnazzjonali. Ir-regoli, il-proċeduri u l-iskedi ta' żmien huma allineati biex tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE l-kooperazjoni ma' Stati Membri oħra.

– Appoġġ speċifiku huwa spiss disponibbli għall-kumpaniji innovattivi li għadhom fil-bidu tagħhom biex dawn jiġu assistiti ħalli jikkummerċjalizzaw l-ideat malajr u jitħeġġeġ l-internazzjonaliżmu.

## 10. Is-settur pubbliku nnifsu huwa katalist tal-innovazzjoni

– Is-settur pubbliku jipprovdi inċentivi li jħeġġu l-innovazzjoni fi ħdan l-organizzazzjonijiet tiegħu u fit-twassil tas-servizzi pubbliċi.

– Isir użu attiv mill-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi biex jittejbu s-servizzi pubbliċi, anki permezz ta' baġits dedikati. L-offerti pubbliċi huma msejsa fuq speċifikazzjonijiet ta' prestazzjoni msejsa fuq ir-riżultati u l-kuntratti jingħataw abbażi tal-kriterji kwalitattivi li jiffavorixxu soluzzjonijiet innovattivi bħall-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja, flok abbażi tal-irħas prezz biss. L-opportunitajiet ta' akkwist konġunt huma sfruttati.

[31] "Aħseb l-ewwel fiż-żgħir". "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa. COM (2008)374

– Fejn possibbli, id-dejta fil-pussess tal-gvernijiet tkun disponibbli liberament bħala riżorsa għall-innovazzjoni.

# ANNESS II

## Tabella li turi l-Progress tal-Prestazzjoni fil-qasam tar-Riċerka u l-Iżvilupp

Il-lista ta’ indikaturi ta' hawn taħt se tipprovdi l-bażi għal tabella li turi l-progress tal-prestazzjoni annwali bħala parti mill-monitoraġġ tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Id-dejta, li tuża l-istatistika disponibbli l-aktar riċenti, se tiġi ppreżentata għal kull Stat Membru, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, u għall-pajjiżi ewlenin li mhumiex membri tal-UE. Se jsiru sforzi biex id-dejta tkun disponibbli fil-livell reġjonali (jiġifieri subnazzjonali) għall-Istati Membri tal-UE. It-Tabella tal-Valutazzjoni se tinżamm sal-2020 u se tkun suġġetta għal analiżi perjodika li tiddependi mid-disponibbiltà ta' sorsi ġodda ta' dejta u/jew orjentazzjonijiet politiċi ġodda. Il-Kummissjoni se tfittex indikatur tal-prestazzjoni addizzjonali li jirrifletti l-parteċipazzjoni tal-irġiel u n-nisa għall-inklużjoni fit-Tabella tal-Valutazzjoni.

| Indikatur | Sors tad-dejta |
|---|---|
| **ABILITATURI** | |
| **Ir-riżorsi umani** | |
| 1.1.1 Lawrejati dottorali ġodda (ISCED 6) għal kull popolazzjoni ta’ 1000 ruħ ta' età 25-34* | Eurostat |
| 1.1.2 Perċentwal tal-popolazzjoni ta’ età 30-34 li temm l-edukazzjoni terzjarja * | Eurostat |
| 1.1.3 Perċentwal ta’ żgħażagħ ta’ età 20-24 li talanqas kisbu livell ta' edukazzjoni sekondarja superjuri* | Eurostat |
| **Sistemi tar-riċerka miftuħa, eċċellenti u attraenti** | |
| 1.2.1 Kopubblikazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali għal kull popolazzjoni ta' miljun ruħ | Thomson/Scopus |
| 1.2.2 Pubblikazzjonijiet xjentifiċi fost l-10 % ta’ pubblikazzjonijiet l-aktar ikkwotati fid-dinja bħala % tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi totali tal-pajjiż | Thomson/Scopus |
| 1.2.3 Studenti dottorali mhux mill-UE[32] għal kull popolazzjoni tal-miljun ruħ[a] | Eurostat/OECD |
| **Finanzjament u appoġġ** | |
| 1.3.1 Nefqiet pubbliċi fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp bħala % tal-PGD | Eurostat |
| 1.3.2 Kapital ta' riskju (stadju bikri, espansjoni u bdil) bħala % tal-PGD | EVCA/Eurostat |
| **ATTIVITAJIET TAL-IMPRIŻI** | |
| **Investimenti tal-impriżi** | |
| 2.1.1 Nefqiet min-negozji fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp bħala % tal-PGD | Eurostat |
| 2.1.2 Nefqiet fuq l-innovazzjoni mhux marbuta mar-Riċerka u l-Iżvilupp bħala % | Eurostat |

[32] Fil-każ tal-pajjiżi li mhumiex fl-UE: studenti dottorali minn pajjiżi oħra.

| | |
|---|---|
| tal-fatturat | |
| **Rabtiet u intraprenditorija** | |
| 2.2.1 L-SMEs innovattivi fi ħdanhom stess bħala % tal-SMEs | Eurostat |
| 2.2.2. SMEs innovattivi li jikkollaboraw ma' oħrajn bħala % tal-SMEs | Eurostat |
| 2.2.3 Kopubblikazzjonijiet pubbliċi-privati għal kull popolazzjoni ta' miljun ruħ | Thomson/Scopus |
| **Assi intellettwali** | |
| 2.3.1 Applikazzjonijiet ta' privattivi PCT għal kull biljun fil-PGD (f'PPS€) | Eurostat |
| 2.3.2 Applikazzjonijiet ta' privattivi PCT f'oqsma ta' sfidi soċjetali għal kull biljun fil-PGD (f'PPS€) (il-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima; is-saħħa) | OECD |
| 2.3.3 Marki kummerċjali komunitarji għal kull biljun fil-PGD (f'PPS€) | OHIM/Eurostat |
| 2.3.4 Disinni komunitarji għal kull biljun fil-PGD (f'PPS€) | OHIM/Eurostat |
| **RIŻULTATI** | |
| **Innovaturi** | |
| 3.1.1. SMEs (b'aktar minn 10 impjegati) li jintroduċu prodott jew proċess innovattiv bħala % tal-SMEs | Eurostat |
| 3.1.2 SMEs (aktar minn 10 impjegati) li jintroduċu innovitajiet organizzattivi jew fit-tqegħid tas-suq bħala % tal-SMEs | Eurostat |
| 3.1.3 Intrapriżi (b'aktar minn 10 impjegati) bi tkabbir għoli bħala % tal-intrapriżi kollha[33] | Eurostat |
| **Effetti ekonomiċi** | |
| 3.2.1 Impjiegi fl-Attivitajiet Intensivi fl-Għarfien (manifattura u servizzi) bħala % tal-impjiegi totali | Eurostat |
| 3.2.1 Esportazzjoni ta' prodotti manifatturati ta' teknoloġija medja u avvanzata bħala % tal-prodotti kollha esportati | UN/Eurostat |
| 3.2.3 Esportazzjoni ta' Servizzi Intensivi fl-Għarfien bħala % tas-servizzi esportati totali | UN/Eurostat |
| 3.2.4 Bejgħ ta' innovazzjonijiet ġodda għas-suq u ġodda għall-intrapriżi bħala % tal-fatturat | Eurostat |
| 3.2.5 Dħul minn liċenzji u privattivi minn pajjiżi oħra bħala % tal-PGD | Eurostat |

**Iċ-ċifri dettaljati skont is-sess għandhom jiġu pprovduti għal dawn l-indikaturi.*

[33] Suġġett għall-verifika tad-disponibbiltà tad-dejta sal-2011

## Tqabbil bejn l-UE u l-Istati Uniti







## Tqabbil bejn l-UE u l-Ġappun






## Tqabbil bejn l-UE u ċ-Ċina







Nota: it-tqabbil huwa msejjes fuq l-aħħar dejta disponibbli: l-2008 għall-indikaturi kollha għajr: il-kopubblikazzjonijiet internazzjonali (2009); l-aktar pubblikazzjonijiet ikkwotati (2007); il-kopubblikazzjonijiet pubbliċi-privati (2007); Privattivi PCT (2007); Impjiegi KIA (2007). Għall-Ġappun: mhix disponibbli d-dejta għal kapital ta' riskju u l-aktar dejta riċenti dwar l-impjiegi KIA hija mill-2005. Għaċ-Ċina: mhix disponibbli d-dejta dwar il-lawrji dottorali ġodda, il-kapital ta' riskju, l-ispiża tal-privattivi, l-impjiegi KIA.

## ANNESS III

# Il-Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropej

## Miri u ambitu ta' Partenarjat għall-innovazzjoni Ewropew fil-qasam tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu

1. L-għan tal-partenarjat

Hekk kif qed tirtira l-ġenerazzjoni magħrufa bħala baby-boom, il-popolazzjoni ta' dawk 'il fuq mis-60 sena qed tiżdied b'rata doppja meta mqabbla ma' kif kienet qabel l-2007, jiġifieri b'xi żewġ miljun persuna fis-sena. Sal-2050, l-għadd ta' persuni 'l fuq minn 50 se jiżdied b'35 % u dak ta' 'l fuq minn 85 se jkun it-triplu. Jekk il-livell attwali ta' mard li jolqot lil dawn il-gruppi ta' etajiet jibqa' kif inhu, bosta miljuni oħra ta' Ewropej se jkunu qed ibatu minn disturbi bħall-mard newrodeġenerattiv (Alzheimer/Parkinson) u oħrajn bħall-kanċer u l-mard kardjovaskulari li huma iktar komuni fost l-anzjani. Dan jitlob għal żieda fl-iskoperti u l-iżvilupp tal-iskrining, id-ditezzjoni u d-djanjosi (mhux invażiva) ta' dan it-tip ta' mard, tal-mediċini u t-trattament biex jiġi evitat u indirizzat dan il-mard. Barra minn hekk, soluzzjonijiet innovattivi, inkluż l-ICT u teknoloġiji oħra għandhom il-potenzjal li jipprovdu mediċina u kura soċjali/tas-saħħa personalizzati u ta' kwalità għolja, filwaqt li tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tal-kura eżistenti.

Il-kombinazzjoni ta' popolazzjoni tal-età tax-xogħol iżgħar u għadd ikbar ta' persuni rtirati bi problemi tas-saħħa se jkun ta' piż konsiderevoli fuq is-sistemi tas-servizzi soċjali, u dan se jibda jfeġġ diġà fil-ftit snin li ġejjin. Fl-istess waqt, l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-anzjani jġib miegħu opportunitajiet ġodda fis-suq għal dawk li jirnexxielhom joħorġu b'soluzzjonijiet intelliġenti u innovattivi għall-isfidi ffaċjati mill-popolazzjoni li kull ma jmur qed tixjiħ, bħall-iżolament soċjali, waqgħat aktar spissi u tnaqqis fil-mobilità. Is-sejbiet ġodda importanti u l-kisba ta' ħajja aktar f'saħħitha u indipendenti fit-tul għall-anzjani ma jġibux magħhom biss benefiċċji soċjetali, imma wkoll benefiċċji ekonomiċi importanti.

| |
|---|
| **Il-miri tal-partenarjat għall-innovazzjoni huma li, sal-2020, jippermettu liċ-ċittadini tagħna jgħixu indipendement u f'saħħithom iktar fit-tul billi jiżdied l-għadd medju ta' snin ta' ħajja f'saħħitha b'sentejn (2),** u, bil-kisba ta' din il-mira, **jittejbu s-sostenibbiltà u l-effiċjenza tas-sistemi soċjali u tal-kura tas-saħħa tagħna, u jinħoloq suq globali u tal-UE għal prodotti u servizzi innovattivi b'opportunitajiet ġodda għan-negozji tal-UE.** |

2. It-twassil u l-iskjerament tal-istrumenti

Il-partenarjat tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu se jkollu:

Komponent qawwi ta' riċerka li, fejn possibbli, jirriżulta f'mediċini ġodda għall-anzjani, trattamenti jew għodod djanjostiċi ġodda, strateġiji istituzzjonali jew organizzattivi ġodda u soluzzjonijiet ġodda li jippermettu kwalità tal-ħajja aħjar għall-anzjani. Ir-riċerka tista' ssir jew permezz tat-tnedija ta' programmi/proġetti ta' riċerka ġodda (notevolment bl-użu ta' akkwist prekummerċjali) inkella permezz ta' koordinament ta' programmi ta' riċerka eżistenti (bħal ma hu diġà l-każ bl-Alzheimer's jew it-tixjiħ bħala parti mill-inizjattiva ta' programmi konġunti tal-UE).
Il-provi dimostrattivi, sperimentali u ta' skala kbira jinvolvu l-anzjani, il-pazjenti, il-carers, il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, il-faċilitajiet tal-kura komunitarja u fid-dar, l-infrastruttura tal-ICT, eċċ. biex jittestjaw soluzzjonijiet ta' daqs kbir biżżejjed b'mod koordinat f'pajjiżi u kuntesti differenti. Dawn id-dimostrazzjonijiet jeħtieġ li jsiru f'postijiet differenti, filwaqt li jiġu żgurati l-paragunabbiltà u l-interoperabbiltà. Dan jista' jiġi appoġġat mill-UE u l-

istrumenti nazzjonali bħall-fondi strutturali, il-Bank tal-Investiment Ewropew u l-fondi ta' innovazzjoni nazzjonali jew Ewropej.
It-tħaffif fil-pass tal-ħolqien tal-kundizzjonijiet ta' qafas u tad-domanda neċessarji jrid jinkludi titjib fir-regoli għall-provi u t-testijiet kliniċi, tħaffif fil-proċeduri tal-valutazzjoni ta' mediċini ġodda mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini, il-privattivi u l-protezzjoni tagħhom, rekwiżiti regolatorji bħal miżuri li jipproteġu d-dejta personali u medika, ir-rimborżi permezz tal-iskemi tal-assikurazzjoni tas-saħħa nazzjonali u akkwisti koordinati mis-settur pubbliku (netwerks ta' awtoritajiet pubbliċi), l-iżgurar tal-interoperabbiltà u l-iffissar ta' standards u speċifikazzjonijiet referenzjarji għal tagħmir u servizzi ġodda għat-telemediċina u l-ħajja indipendenti, it-twaqqif ta' fond għall-kura innovattiva u l-"mard orfni", u l-indirizzar ta' ostakli għal aċċess possibbli ta' swieq f'pajjiżi terzi.

Għandhom jiġu identifikati wkoll oqsma (kemm fir-Riċerka u l-Iżvilupp kif ukoll fi kwistjonijiet relatati bħall-istandardizzazzjoni) li fihom ikun neċessarju jew mixtieq li sseħħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Dan ikun isarraf f'għadd limitat ta' pakketti ta' ħidma li jipproponu azzjonijiet li jimmiraw li jiksbu dawn l-għanijiet strateġiċi:

– Is-sejba u l-iskjerament ta' soluzzjonijiet innovattivi, testijiet kliniċi, mediċini u trattamenti, il-ġlieda kontra l-mard kroniku marbut mal-età (bħall-Alzheimer's, il-Parkinson's kif ukoll il-kanċer, id-dijabete, il-mard kardjovaskolari u mard kroniku ieħor), filwaqt li jiġi pprovdut appoġġ pubbliku għar-riċerka dwar mard inqas frekwenti, rari jew orfni marbut mal-età (mard li ma jiġbidx biżżejjed attenzjoni mill-fondi tar-riċerka privati);

– L-iżvilupp ta' politiki u mudelli tan-negozju innovattivi ġodda għal sistemi tal-kura soċjali u tas-saħħa aktar integrati għall-anzjani, u t-titjib tal-awtokura u l-kura d-dar; kif ukoll it-tfassil u l-iskjerament ta' soluzzjonijiet innovattivi ġodda fuq skala kbira (inklużi dawk imsejsa fuq l-ICT) għall-kura fit-tul taż-żmien tal-anzjani bħall-immaniġjar tal-mard kroniku. Dan il-pakkett ta' ħidma se jinkludi wkoll it-trawwim tal-akkwist pubbliku u l-kooperazzjoni HTA UE se tikkontribwixxi wkoll lejn dan il-għan. It-tħeġġiġ tal-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi, inklużi teknoloġiji msejsa fuq l-ICT u oħrajn, għal prodotti, tagħmir u servizzi adatti speċifikament għall-anzjani, biex jgħinuhom jgħixu b'mod aktar attivi u indipendenti, bħal sistemi ta' allarm u sikurezza, appoġġ għall-ħajja ta' kuljum, prevenzjoni tal-waqgħat, servizzi ta' interazzjoni soċjali u robotika fid-dar u aċċess speċifiku għall-internet.

3. Parteċipanti u tmexxija

Biex tirnexxi, il-Kummissjoni permezz tal-Partenarjat għall-Innovazzjoni, beħsiebha tiġbor flimkien lill-**parteċipanti ewlenin kollha tal-Ewropa** f'dan il-qasam u trawwem impenn attiv u kontiwu fosthom. Dan ma jinkludix biss lill-awtoritajiet u r-regolaturi tal-UE u l-Istati Membri, dawk li jiffissaw l-istandards u l-professjonisti tal-akkwisti, iżda wkoll rappreżentati mill-awtoritajiet pubbliċi tal-kura soċjali u tas-saħħa, mill-professjoni medika u mill-istituzzjonijiet tar-riċerka dwar is-saħħa u t-tixjiħ. L-involviment tas-settur privat se jinkludi l-industriji tal-farmaċewtika u l-bijoteknoloġija, il-manifatturi tat-tagħmir mediku u assistiv, l-industrija tal-ICT, il-qasam tal-assikurazzjoni soċjali u tas-saħħa u l-fornituri tal-kapital (ta'riskju). Ir-rappreżentanti mill-gruppi tal-utenti anzjani u l-organizzazzjoni tal-kura għandu jkollhom sehem importanti wkoll f'dan il-parternarjat.

Ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-partenarjat għat-tixjiħ attiv u b'saħħtu se sserraħ fuq il-Kummissarji tas-Saħħa u tal-Aġenda Diġitali fil-kuntest kumplessiv tat-

tmexxija tal-inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Il-Kummssjoni se tistieden lill-partijiet interessati mill-gruppi msemmija hawn fuq biex jipparteċipaw fil-partenarjat. Se jitwaqqaf bord ta’ direzzjoni, li jinkludi rappreżentanti ta' livell għoli mill-Istati Membri, l-industrija u l-professjonisti li jieħdu ħsieb l-anzjani, biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u f'waqtha. Il-bord ta’ direzzjoni se jissorvelja ħidmet it-tliet task forces, komposti minn esperti, prattikanti u utenti, li kull wieħed minnhom jiffoka fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pakketti ta’ ħidma.

Il-partenarjat għandu jipproduċi kisbiet effiċjenti għall-parteċipanti kollha. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, se tistandardizza u tissimplifika l-inizjattivi eżistenti f’dan il-qasam. Pereżempju, il-pjattaformi teknoloġiċi rilevanti, il-programmi konġunti, l-inizjattivi tas-swieq ewlenin u proġetti rileventi oħra ffinanzjati mill-programmi ta’ qafas tal-UE se jiġu integrati fi ħdan il-partenarjat.

L-ewwel kompitu tal-bord ta’ direzzjoni se jkun - bl-assistenza tat-task forces - li jfassal, fl-ewwel sitt xhur, programm ta’ ħidma strateġika li jiddefinixxi l-aġenda tar-riċerka, u l-prijoritajiet għal dimostrazzjonijiet u skjerament fuq skala kbira, li jidentifika metodi kif jinġabru flimkien il-ħiliet esperti, li jivvaluta l-livell ta' fondi meħtieġa u l-għejun tagħhom u li jispeċifika l-iskjerament tal-istrumenti u l-politiki biex jitħaffef il-pass tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni u li l-prodotti u s-servizzi jitwasslu fis-suq mingħajr dewmien bla ħtieġa. Dan għandu jinkludi analiżi profonda tal-ħtiġijiet tar-riċerka u l-ħidma li diġà twettqet biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi żgurat li l-partenarjat ikun jista' jissawwar fuq l-aktar għarfien u ħiliet esperti riċenti disponibbli. Għandhom jiġu definiti l-iżviluppi maġġuri u l-istrumenti ta’ monitoraġġ għall-implimentazzjoni. Grupp ta’ ħidma speċifiku se jappoġġa lill-bord ta’ direzzjoni fl-iżvilupp ta’ indikaturi ta’ monitoraġġ u ġbir ta' dejta.

**Aktar Partenarjati għall-Innovazzjoni potenzjali mistħarrġa mill-Kummissjoni**

**Bliet intelliġenti**

Sal-2020, bl-2010 bħala l-linja bażi, l-għan huwa li jiġu appoġġati għadd ta' bliet pijunnieri Ewropej (b'popolazzjoni totali ta' talanqas 20 miljun) biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju tagħhom b'aktar minn 20 %, iżidu sehem l-enerġija rinovabbli fl-enerġija użata biex tiġġenera l-elettriċità, it-tisħin u l-iffriskar b'20 %, u jżidu l-effiċjenza tal-enerġija fl-aħħar punt tal-użu b'20 %. Il-Partenarjat se juri l-fattibbiltà tal-progress rapidu lejn l-objettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima fil-livell lokali filwaqt li ċ-ċittadini jintwerew li l-kwalità tal-ħajja u l-ekonomiji lokali jistgħu jittejbu permezz ta' investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija, is-sorsi ta' enerġija rinovabbli u soluzzjonijiet ta' mmaniġjar ta' sistemi tal-enerġija, inklużi arloġġi tad-dawl intelliġenti u l-użu ta' innovazzjonijiet tal-ICT, kif ukoll trasport urban aktar effiċjenti.

**Ewropa effiċjenti fl-ilma**

L-għan ta' dan il-Partenarjat huwa li jħeġġeġ azzjonijiet li jistgħu jħaffu l-innovazzjoni fil-qasam tal-ilma u jneħħu x-xkiel għall-innovazzjoni. L-azzjonijiet huma maħsuba li jiksbu l-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma filwaqt li jnaqqsu t-total tal-ilma użat fl-UE, itejbu s-sigurtà tal-ilma u jħeġġu lill-industrija tal-ilma Ewropea li tkun minn ta' quddiem nett fid-dinja.

**Forniment sostenibbli ta' materji prima li mhumiex għejun tal-enerġija għas-Soċjetà Moderna**

L-għan huwa li jiġi żgurat forniment sikur u li jinkisbu mmaniġjar effiċjenti u sostenibbli u użu tal-materjali li mhumiex għejjun tal-enerġija tul il-katina kollha tal-valur fl-Ewropa. Dan huwa meħtieġ aktar u aktar biex tingħata risposta għall-isfidi soċjetali varji li hemm. Abbażi ta' dan il-Partenarjat hemm id-dimostrazzjoni ta' għaxar impjanti sperimentali innovattivi għall-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-materji prima, u s-sejba ta' sostituti għal talanqas tliet applikazzjonijiet ewlenin ta' materji prima kritiċi.

**Mobilità intelliġenti għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Ewropa**

L-għan ta' dan il-Partenarjat huwa li jgħammar lill-Ewropa bi trasport u loġitika effettiva minn bieb sa bieb u bla intoppi billi jħeġġeġ l-iżvilupp wiesa' u kkoordinat u l-iskjerament tas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (STI). Il-Parternarjat għall-Innovazzjoni se jibni fuq ir-riżultati disponibbli mir-riċerka u l-iżvilupp u jwassalhom 'il hinn sal-innovazzjoni u l-iskjerament operattiv konkret, ikkombinatai ma' aktar riċerka u miżuri politiċi u leġiżlattivi.

**Il-produttività u s-sostenibbiltà agrikola**

Tul l-għoxrin sena li ġejjin id-domanda dinjija għall-ikel se tiżdied bil-qawwi. L-għan ta' dan il-Partenarjat huwa li jħeġġeġ settur agrikolu effiċjenti fir-riżorsi, produttiv u baxx fl-emissjonijiet – li jaħdem f'armonija mar-riżorsi naturali essenzjali li tiddependi minnhom il-biedja, bħall-ħamrija u l-ilma. L-oġġettiv huwa li jitwassal forniment sikur u regolari ta' ikel, għalf u biomaterjali – kemm fl-għamla ta' prodotti eżistenti u anki ġodda. Hemm il-ħtieġa li jittejbu l-proċessi biex nikkonservaw l-ambjent tagħna, nadattaw għall-bidla fil-klima u ntaffuha. Il-Partenarjati jissarfu f'pont bejn ir-riċerka u t-teknoloġija avvanzati u l-bdiewa, in-negozjanti u s-servizzi konsultattivi li jkunu jeħtieġuhom.